# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2016

**Kawza Numru : 22**
**Citazzjoni Numru : 654/2005 JPG**

**Johanna Abela u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2014 l-atti gew trasfuzi f'isem Paul u Dorothy konjugi Abela u Christopher, David u Ann Camilleri ahwa Abela stante l-mewt ta' Johanna Abela**

**VS**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tat-8 ta' Lulju 2005 li taqra hekk:

*"Billi l-attrici hija impjegata ma' HSBC Bank Malta p.l.c. fil-grad ta' Private Clients Manager u kienet awtorizzata mill-Malta Financial Services Authority sabiex taghti financial advice in konnessjoni ma' high net worth clients.*

*Billi fl-1 ta' Marzu 2004 l-attrici giet sospiza mill-Bank konvenut b'mod indefinit u fit-8 ta'April 2004 inharget Letter of Charge li biha hija giet akkuzata bi gross misconduct.*

*Billi hija dehret quddiem Bord ta' Dixxiplina kompost minn membri tal-Management li jiddependu ghall-ghixien taghhom u ghall-avvanz fil-karriera taghhom mill-Bank, u nstabet hatja. Ghalkemm hija appellat mid-decizjoni, il-Bord ta' l-Appell ikkonferma fil-maggior parti d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.*

*Billi kien hemm difetti fondamentali serji fl-imsemmija proceduri ta' dixxiplina, liema difetti u irregolaritajiet jammontaw ukoll ghal ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, fosthom (izda mhux dawn biss):*

1. *Fil-proceduri ta' dixxiplina gie prodott dokument anonimu li ntuza bhala prova kontra taghha;*

2. *L-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami lill-persuni li fornew prova kontra taghha permezz ta' stqarrijiet;*

3. *L-attrici lanqas ma thalliet tressaq xhieda in difesa;*

4. *Il-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell la kienu indipendenti u wisq inqas imparzjali;*

5. *Wiehed mill-Human Resources Managers tal-Bank, certu Dominic Lewis, li ma kienx jifforma parti minn l-ebda Bord, kien prezenti fid-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina;*

6. *Fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' Dixxiplina sab lill-attrici hatja ta' kaz (Joseph Ellul) li lanqas biss issemma fl-akkuza;*

7. *Kemm qabel kif ukoll waqt il-proceduri ta' dixxiplina, l-access (anke sorveljat) mitlub mill-attrici ghall-files bin-notamenti relattivi gie michud;*

8. *Wiehed mill-persuni fuq il-Bord, Martin Wilkins, kien ippartecipa fid-decizjoni li jittiehdu passi dixxiplinarji kontra taghha u li tigi sospiza;*

9. *Kien hemm inkontri bejn il-Bord u xi ufficjali tal-Bank fl-assenza taghha barra mid-'disciplinary hearings' waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta' dixxiplina;*

10. *L-investigazzjoni tmexxiet fl-assenza taghha u hija ma thallietx tkun prezenti, la waqt interviews mal-klijenti u lanqas waqt l-ispezzjoni tal-files taghha;*

11. *L-investigazzjoni giet mibdija b'ritaljazzjoni minn zewg superjuri taghha f'husband and wife relationship wara li l-Malta Union of Bank Employees f'isem il-Private Clients Managers kollettivament ipprotestat ghat-tmexxija taghhom gewwa l-Wealth Management kif ukoll minhabba l-konflitt ta' interess.*

12. *Sa mill-15 ta' April 2004 - qabel ma beda jinstema' l-kaz u bi vjolazzjoni tal-principju tal-presunzjoni ta' l-innocenza - il-Bank konvenut ta malafama lill-attrici billi akkuzaha mal-Malta Financial Services Authority li hi hatja ta' gross misconduct u b'hekk l-MFSA inghatat l-impressjoni zbaljata li l-attrici kienet ikkommettiet vjolazzjonijiet relatati mar-regoli stretti dwar 'Compliance' jew 'Financial Advice'.*

*Billi konsegwentement, minbarra l-irregolaritajiet serji kommessi mill-ufficjali tal-Bank konvenut, l-investigazzjoni u l-process ta' dixxiplina kontra l-attrici kienu manifestament ingusti u li jiksru l-principji tal-gustizzja naturali, peress li l-Bank naqas li jaghti lill-attrici opportunita' xierqa biex tiddefendi lilha nfisha sewwa u peress illi l-Bank iddiskrimina maghha, u b'hekk il-Bank konvenut kiser id-drittijiet taghha.*

*Billi inoltre, l-attrici kienet vittma ta' sexual harassment da parti ta' Manager tal-HSBC Bank Malta p.l.c. li ma hax passi adegwati biex jipprotegiha.*

*Billi l-Bank konvenut, interpellat b'ittra ufficjali tal-22 ta' Dicembru 2004, baqa' inadempjenti.*

*Jghid il-Bank konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara illi l-investigazzjoni u l-process ta' dixxiplina kontra l-attrici kienu manifestament ingusti u li jiksru l-principji tal-gustizzja naturali peress li l-Bank naqas li jaghti lill-attrici opportunita' xierqa biex tiddefendi lilha nfisha sewwa u peress illi l-Bank iddiskrimina maghha, u b'hekk il-Bank konvenut kiser id-drittijiet taghha.*

2. *Tiddikjara nulli u bla effett il-proceduri ta' dixxiplina mehuda mill-Bank kontra l-attrici, kemm dawk quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll dawk quddiem il-Bord ta' l-Appell.*

3. *Tordna lill-Bank konvenut jinforma lill-Malta Financial Services Authority illi l-proceduri ta' dixxiplina, li dwarhom kien inghata avviz, gew dikjarati nulli u bla effett b'sentenza ta' din il-Qorti, u johrog Bank Circular li biha jnehhi kull tebgha jew dell ta' htija minn fuq l-attrici.*

4. *Tiddikjara illi bl-agir illegali u abbuziv ta' ufficcjali tieghu, il-bank konvenut ikkawza u ghadu qed jikkawza danni ingenti lill-attrici, inkluza hsara psikologika serja;*

5. *Tiddikjara lill-Bank konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici.*

6. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici, kemm danni attwali konsistenti f'telf ta' introjtu u qliegh kif ukoll dawk futuri, inkluzi wkoll danni ghall-hsara psikologika u ghar-riparazzjoni ta' l-ingurja morali li kkawzalha.*

7. *Tikkundanna lill-Bank konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.*

8. *Tordna inoltre lill-Bank konvenut jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju kopja awtentikata tad-decizjoni ta' l-ewwel Board ta' Dixxiplina li sar f Ottubru 2003 - li turi l-firem tal-komponenti tal-Bord -*

*kif ukoll kopja awtentikata tad-decizjoni ta' l-ewwel Bord ta' Appell li sar f Dicembru 2003 - li turi l-firem tal-komponenti tal-Bord ta' l-Appell.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru 2004 u tal-atti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1007/04, kontra l-Bank konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attrici tat-8 ta' Lulju 2005 (a fol. 6 et seq.);

Rat li l-atti tac-citazzjoni, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c. tat-18 t'Awwissu 2005 li taqra hekk (a fol. 18):

1. *"Illi mill -kawzali u t-talbiet kif dedotti fl-att tac-citazzjoni jidher car illi l-azzjoni attrici tirrigwarda allegazzjom li l-proceduri ta' dixxiplina interni mehuda mill-bank eccipjenti qua "employer" kontra l-attrici impjegata tal-bank huma nulli u bla effett minhabba, allegatament, difetti u irregolaritajiet fl-investigazzjoni u process ta' dixxiplina li kienu ngusti u jiksru l-principji tal-gustizzja naturali. Dan premess, in linea preliminari, l-attrici ghandha tindika b'mod car u sewwa il-bazi legali tat-talbiet taghha u cioe' minn fejn titnissel l-obbligazzjoni li a bazi taghha l-proceduri u d-decizjonijiet ta' bordijiet interni ta' dixxiplina ta' "employers" privati jistghu jigu dikjarati nulli minhabba ksur tal-"principji ta' gustizzja naturali" kif qed tippretendi l-attrici;*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, l-azzjoni attrici hija infondata u ghandha tigi respinta stante li ma hemm ebda obbligazzjoni li abazi taghha l-proceduri u d-decizjonijiet ta' bordijiet interni ta' dixxiplina ta' "employers" privati jistghu jigu dikjarati nulli minhabba ksur ta "principji ta' gustizzja naturali" kif qed tippretendi l-attrici;*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument hemm xi obbligazzjoni ta' kwalsiasi natura u sew jekk civili, kummercjali, kostituzzjonali jew ta' dritt amministrattiv kif qed tippretendi l-attrici fic-citazzjoni (haga li hija kontestata), l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante li, fi kwalunkwe kaz, d-decizjonijiet tal-bordijiet in kwistjoni ma humiex u lanqas huma ntizi li jkunu "directly decisive" tad-drittijiet u obbligi civili tal-attrici u, semmai, l-azzjoni imissha saret quddiem il-Qorti jew Tribunal kompetenti ghar-rigward id-drittrjiet in substantia tal-attrici u cioe dwar il-fatti li kienu l-mertu ta' l-imsemmija proceduri ta' dixxiplina u mhux dwar il-proceduri nnifishom;*

4. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-proceduri ta' dixxiplina jigu dikjarati nulli (haga li hija kkontestata), dan ma jfissirx li c-"charge" migjuba kontra l-attrici ma hijiex veritiera jew hija nfondata jew li r-rapport li ghamel il-bank eccipjenti lil Malta Financial Services Authority (kif kellu l-obbligu legali li jaghmel) kien infondat u ghaldaqstant it-talbiet innumerati minn tlieta sa sebgha (inkluzi) ma jsegwux mit-talbiet l-ohra u / jew huma insostenibbli;*

5. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijret l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-proceduri ta' dixxiplina jigu dikjarati nulli (haga li hija kkontestata) it-talbiet innumerati minn erbgha sa sebgha (inkluzi) ma jsegwux mit-talbiet l-ohra u / jew huma insostenibbli;*

6. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u minghajr ebda ammissjoni tal-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni li huma kategorikament michuda, it-tmien talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u la hi marbuta mal-premessi fic-citazzjoni u imkien ma hemm imsemmi li l-bank eccipjenti gie mitlub ghal kopja tad-decizjoni imsemmija u rrifjuta u ghalhekk it-talba hija wkoll imtempestiva. Jigi dikjarat ghal kull buon fini li l-bank eccipjenti*

*m'ghandux oggezzjoni li jaghti kopja tad-decizjoni lill-attrici pero zgur li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibati l-ispejjes ta' din it-talba;*

7. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess,l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta stante li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha kontenuti frc-citazzjoni attrici huma infondati.*

8. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-bank konvenut tat-18 t'Awwissu 2005;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta' Mejju 2006 (a fol. 167) fejn innominat bhala Assistant Gudizzarju lill Dr Josette Demicoli;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Lulju 2008 (a fol. 711) fejn innominat bhala Perit Legali lill Dr Marco Ciliberti;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-2 ta' Settembru 2008 (a fol. 716) fejn irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali lill Dr Marco Ciliberti u minflok innominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistant Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tad-9 ta' Frar 2015 (a fol. 1022 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c.(a fol. 1044 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c.(a fol. 1208 et seq.);

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tal-attrici (vide affidavit a fol. 157 et seq) jirrizulta illi l-attrici kienet impjegata ma HSBC Malta plc f'grad ta' *Private Client Manager* awtorizzata minn *Malta Financial Services Authority* (MFSA) biex taghti pariri finanzjarji lill-"*high net worth clients*."

Giet sospiza fl-1 ta' Marzu 2004, u akkuzata bi *gross misconduct* u processata minn Bord ta' Dixxiplina u Bord tal-Appell fejn fid-decizjoni ta' Prim' Istanza inghatat piena ta' *down grading/ transfe*r u fl-appell, din d-decizjoni giet mibdula ghal *disciplinary tranfer* u *final letter of warning*

L-attrici ghamlet is-segwenti lmenti dwar il-kors tal-procedura ta' dixxiplina:

1. Illi fil-proceduri ta' dixxiplina gie prodott dokument anonimu li ntuza bhala prova kontra taghha;

2. Illi l-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami lill-persuni li fornew prova kontra taghha permezz ta' stqarrijiet;

3. Illi l-attrici lanqas ma thalliet tressaq xhieda in difesa;

4. Illi l-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell la kienu indipendenti u wisq anqas imparzjali;

5. Illi Dominic Lewis wiehed mill-*Human Resources Managers* tal-Bank, li ma kienx jifforma parti minn l-ebda Bord, kien prezenti fid-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina;

6. Illi fid-decizjoni tieghu, il-Bord ta' Dixxiplina sab lill-attrici hatja ta' kaz (dwar Joseph Ellul) li lanqas biss issemma fl-akkuza;

7. Illi kemm qabel, kif ukoll waqt il-proceduri ta' dixxiplina, l-access (anke sorveljat) mitlub mill-attrici ghall-*files* bin-notamenti relattivi gie michud;

8. Illi wiehed mill-persuni fuq il-Bord, Martin Wilkins, kien ippartecipa fid-decizjoni li jittiehdu passi dixxiplinarji kontra taghha u li tigi sospiza;

9. Illi kien hemm inkontri bejn il-Bord u xi ufficjali tal-bank fl-assenza taghha u barra mid-*'disciplinary hearings'* waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta' dixxiplina;

10. Illi l-investigazzjoni tmexxiet fl-assenza taghha u hija ma thallietx tkun prezenti, la waqt l-intervista mal-klijenti u lanqas waqt l-ispezzjoni tal-*files* taghha;

11. L-investigazzjoni giet mibdija b'ritaljazzjoni minn zewg superjuri taghha f *husband and wife relationship* wara li l-*Malta Union of Bank Employees* f'isem il-*Private Clients Managers* kollettivament, ipprotestat ghat-tmexxija taghhom gewwa l-*Wealth Management*, kif ukoll minhabba l-konflitt ta' interess.

12. Li sa mill-l5 ta' April 2004 - qabel ma beda jinstema' l-kaz u bi vjolazzjoni tal-principju tal-presunzjoni ta' l-innocenza - il-bank konvenut ta malafama lill-attrici billi akkuzaha mal-*Malta Financial Services Authority* li hi hatja ta' *gross misconduct* u b'hekk l-MFSA inghatat l-impressjoni zbaljata li l-attrici kienet ikkommettiet vjolazzjonijiet relatati mar-regoli stretti dwar *'Compliance'* jew *'Financial Advice'* .

L-attrici tinnega  a fol. 162 illi ikkomettiet xi vjolazzjoni mar-regoli dwar *compliance* jew ghotja ta' pariri  u sostniet li kuntrarjament ghal dak allegat mill-bank intimat, hija la kienet negligenti, wisq anqas imprudenti  u ebda Bond ma gie cedut qabel il-waqt.

Hija sostniet illi waqt il-bank rrefera ghal kaz ta' dixxiplina t'Ottubru 2003, l-istess bank naqas li jaghtiha kopja tad-decizjoni nnifisha. Di piu' il-persuna maghzula mill-bank biex jissorvelja x-xoghol taghha (certu Pauline Grech) ma kellhiex licenzja tal-MFSA biex taghti pariri finanzjarji.

L-attrici stqarret illi l-persuna li spingiet z-zewg proceduri dixxiplinari, kienet Sue Cassidy, superjuri taghha, li dwarha u dwar zewgha, l-MUBE kienet kitbet lill-bank fuq il-maniera arroganti u kwazi dittatorjali li kienu qed jadoperaw mal-impjegati – Vide Dok. X datat 1 t'Awwissu 2003. L-attrici stqarret li hija kienet biss ***scapegoat*** fi sforz biex il-konjugi Cassidy jahbu n-nuqqasijiet taghhom

Fis-sena 2003 hija kienet ilmentat minn *sexual harrassment* da parti tal-ufficcjal tal-bank, izda l-bank, minghajr ma fetah investigazzjoni, sempliciment kellem lill-impjegat koncernat, u ebda twissija bil-miktub ma tirrizulta.

L-attrici sostniet illi sa 2002, **wara** hamsa u ghoxrin sena impjeg mal-bank intimat, hija dejjem kellha rapporti lodevoli fuq il-kwalita' tax-xoghol taghha tant illi inghatat ***performance bonus u share option*** u dana kollu gie rikonoxxut minn Clive Parrish, *Head of Wealth Management.* Illi ghalhekk l-agir tal-bank fis-sena insegwitu ta' dana kollu, ma kienx spjegabbli.

**Richard Reed a fol. 183** *Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina tal-bank intimat, xhed li fil-procedura ta' dixxiplina tal-attrici, kienu inzammu tlett seduti u l-attrici kellha Avukat difensur taghha prezenti.

Iz-zewg membri l-ohra tal-Bord tad-Dixxiplina kienu George u Anthony Buttigieg. Il-Bank kellu David Perotti, rapprezentant *Human Resources*, biex jassisstih fil-proceduri.

Reed xhed li hu u Perotti, ma kienux l-prosekuturi. Huwa sostna li l-membri tal-Bord jiltaqghu wahedhom sabiex jirrevedu l-evidenza u kellhom *briefing* ma Perotti dwar il-procedura u kienu ltaqghu qabel ma bdew il-proceduri dixxiplinari (illi kienu mifruxa tlett seduti) sabiex jirrivedu d-dokumentazzjoni. Ghal *meetings* qabel is-seduti, l-attrici ma kienitx prezenti.

Reed sostna li l-evidenza kollha migbura kienet giet moghtija lill-attrici. Reed xhed illi John Hackett kien ffirma dokument li kien pprezentat minghajr firma u dan d-dokument kien jirraprezenta r-risposti tal-bank.

Reed xhed illi huwa kien ircieva d-dokumentazzjoni dwar l-investigazzjoni go *file*. **Ebda ufficcjal tal-bank ma gie msejjah biex jikkonferma d-dokumentazzjoni tal-file tal-investigazzjoni.** L-attrici inghatat l-opportunita biex tirribadixxi tali dokumentazzjoni.

**Reed xhed illi l-attrici ma pproduciet ebda xhud** izda il-Bord ezamina kull dokumentazzjoni wiehed wiehed mal-attrici.

**Reed sostna li l-attrici ghamlet talba biex tipproduci xhieda izda l-proceduri tal-Bord ta' Dixxiplina ma ppermettewx il-produzzjoni ta' xhieda.**

Reed ikkonferma illi fl-ahhar seduta, Dr. Azzopardi kien lmenta dwar dan u ccita kaz ta' dixxiplina precedenti fejn kienu nstemghu ix-xhieda u li William Portelli, Secretarju Generali MUBE, kien pprotesta dwar dan wkoll. **Reed stqarr illi kien sar bdil fil-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina.**

Reed xhed li  l-investigazzjoni sehhet minghajr il-prezenza tal-investigat.

Reed ikkonferma illi l-avukat difensur tal-attrici ma thalliex tipproduci xhieda jew li taghmel kontro-ezami.

Reed xhed illi **ma ezaminax il-posizzjoni li hadu Clive Parrish u Sue Cassidy** fir-rigward tal-attrici u li **Martin Wilkins ma rrealizzax li kien involut fid-decizjoni biex jissospendi lill-attrici.**

Reed ikkonferma ukoll li waqt id-deliberazzjoni tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, kien presenti Perotti li partecipa b'mod passiv.

Mistoqsi dwar il-kaz ta' Joseph Ellul u jekk l-attrici nstabitx hatja ta' dan minghajr ma giet akkuzata dwaru, **Reed xhed li l-htija nstabet fuq numru ta' klijenti li mhux kollha kienu elenkati fic-*charge sheet.***

Reed xhed li l-attrici inghatat l-informazzjoni kollha li kellu l-Bord.

**Dominic Lewis** xhed illi huwa kien jaf lill-attrici xi tletin sena u li dahal fil-kaz meta il-proceduri kienu fl-istadju tal-Appell, biex jigbor l-informazzjoni mill-*Human Resources file* taghha. L-*Manager* tieghu kien David Perotti. Lewis xhed li kien nvolut biss fil-kumpilazzjoni tal-informazzjoni u fatti dwar dak li gara.

Dan jsir 'l ghaliex il-membri tal-Bord kif ukoll l-ufficcjal tal-*Union* u l-impjegat investigat, jridu jinghataw kopji ta' kollox – a fol. 218D.

Lewis xhed li Perotti u Christine Davies tawh l-istruzzjoni biex jaghmel l-kumpilazzjoni tal-informazzjoni. Kkonferma ukoll li **kienet Christine Davies li harget ic-*charge sheet* tal-attrici.**

Lewis xhed illi huwa deher fl-ewwel sezzjoni fl-Appell tal-Bord tad-Dixxiplina u li **rwol tieghu kien li jiehu l-minuti – u dan sar anki waqt d-deliberazzjonijiet tal-Bord.**

Lewis xhed illi huwa kien hemm biex jaghti s-*support* lil Bord biex jaghmel xoghlu.

Lewis sostna li ma kienx jzomm lil Christine Davis nformatha b'dak li kien qieghed jinghad fil-Bord, li ma kienx r-rwol tieghu li jiddiskuti l-materja mal-Bord u li filfatt ma saru ebda diskussjonijiet mieghu. Mitlub jghid jiftakarx dokument bit-timbru ta' John Hackett, Lewis jirrispondi fin-negattiv.

Lewis xhed li fil-kaz in ezami **kien sar *internal audit,* u li kienu l-*auditors* li investigaw.**

Lewis xhed li Sue Cassidy, u Clive Parrish kienu koppja u Cassidy kienet s-subaltern ta' u tirraporta lil, Parrish. Lewis ikkonferma li l-MUBE kienu lmentaw fuq din is-sitwazzjoni. **Ikkonferma li l-investigazzjoni ta' Cassidy u Parrish kienet ftit qabel l-investigazzjoni tal-attrici.**

**Lewis sostna li r-relazzjonijiet bejn l-attrici u Sue Cassidy ma kienux tajba.** Lewis kkonferma l-rwol ta' Perotti fil-Bord ta' Dixxiplina (Prim Istanza) kien identiku ghal tieghu fil-proceduri tal-appell.

**David Perotti** a fol. 221 et seq *Human Resources Manager* xhed illi huwa kien amministratur procedurali tal-Bord ta' Dixxiplina. Ikkonferma li kien hemm kaz ta' *misconduct* fis-sena 2003 in segwitu ta' rapport dwar *performance*. Ikkonferma *letter of charge* datata 8 t'April 2004 Dok. DP li harget wara lment minn klijent tal-bank – Vide xhieda a fol. 227.

Perotti xhed li filwaqt **li l-prassi normali kienet**, li pendenti l-proceduri dixxiplinari, **l-impjegat ma jigix sospiz**, **fil-kaz in ezami pero' l-attrici giet sospiza**, **pendenti il-proceduri dixxiplinari**. Huwa spjega li **Sue Cassidy u Parrish** kien s-*senior* tal-attrici u **ghalhekk dawn setghu kienu nvolut fil-kompilazzjoni tac-*charges.*** Dak iz-zmien kien hemm Hackett li kien qed jiehu *over* minn Clive Parrish.

Parrish kien **pprevalixxi ruhu minn *early retirement*** Ic-*Chief Operating Officer* kien Martin Wilkins.

Perotti xhed illi, fil-gurnata tas-sospenzjoni taghha, Hackett kien staqsa lill-attrici kellhiex il-*files* tal-bank d-dar u hija stqarret li kellha *files* fil-karozza. Ghalhekk Perotti akkompanjaha sal-karozza u gabar il-*files*. Perotti xhed illi huwa kien jitkellem mal-Bord biss dwar aspetti procedurali (Vide xhieda a fol. 238).

Perotti xhed illi l-attrici dejjem ikkoperat fl-investigazzjoni. **Perotti kkonferma a fol. 244 li l-attrici xtaqet tipproduci l-*concluded files* taghha.**

Perotti ikkonferma li meta jkun hemm rapport negattiv fuq impjegat tal-bank, dan ghandu **jigi komunikat lill-istess impjegat sabiex jkun f'qaghda li jaghmel il-kummenti tieghu.**

L-ittra tal-MUBE dwar l-agir arroganti ta' Cassidy u Parrish, giet opprezentata u mmarkata bhala Dok. TA – Vide fol 253. Perotti spjega li l-*Line Manager* ghandu jaghti ***warning*** **lill-impjegati qabel ma jaghti rapport negattiv**. Huwa stqarr li l-impjegat jistghu jinghata *performance based bonus*, u *options* fuq *shares* tal-bank. Huwa stqarr li l-attrici kienet applikat ghal *home loan* u din baqghet sospiza pendenti l-konkluzjoni tal-proceduri dixxiplinari.

Perotti xhed li kien **il-Bord li ha d-decizjoni li ma jitresqux ix-xhieda mitluba mill-attrici** (a fol. 264) minkejja li fil-kaz ta' **Michelle Aquilina Stanford, kienu nstemghu xhieda viva voce,** dan **kien ghaliex il-proceduri nbiddlu minghajr ma giet avzata b'dan l-Union**. Perotti xhed illi l-attrici riedet tezamina l-*files* kompleti ghaliex l-investigazzjoni kienet ffokat biss fuq *files* li ma kienux kompleti.

Huwa sostna li ma kienx gie kkonsultat waqt d-deliberazzjoni tal-Bord. Ghar-rigward d-dokument mhux iffirmat (vide fol 160) Perotti xhed illi kien jaf li dan id-dokument kien hargu John Hackett. Fil-fatt dan d-dokument gie ffirmat minn Hackett aktar tard.

Perotti xhed illi huma kienu tenuti li jinformaw lil Sezzjoni "*Compliance*" . Huwa sostna li kien John Sammut kien avza lil MFSA bil-procedura dixxiplinari kontra l-attrici. Huwa stqarr li l-ittra TA ma kienx involut fiha u li kien involut C-*Chief Operating Officer* u Davies. Sostna li **Parrish u Cassidy x'aktarx li hadu *early retirement.***

**Perotti xhed illi s-somma tal-*performance bonus* tal-attrici ghas-sena 2002 kienet fis-somma ta' elf hames mija u sbatax il-liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm1,517.10) u nghatat 750 *shares* fl-HSBC taht *Shares Options Scheme*.**

**John Sammut *Senior Compliance Manager* HSBC, a fol. 282m stqarr** li Parrish u Cassidy kienu mizzewgin u jokkupaw il-karigi ta' *Head u Deputy Head f'Wealth Management Department*. Ma kien hemm ebda oggezzjoni fuq dan mill-MFSA jew minn HSBC *overseas*. Sammut xhed li huwa avza lil MFSA li kien hemm proceduri dixxiplinari nnizjati kontra l-attrici. – Vide fol. 287.

L-MFSA kitbet lura biex l-attrici ma tkun awtorizzata tipprovdi servizzi t' investimenti lill-klijenti.

John Sammut xhed illi l-iskrutinju ghal *compliance* jsir mill-***internal audit*** izda okkazzjonalment jaghmlu ***sample check***, cioe' jigu ccekkjati l-firem u s-*suitability* tal-klijent.

**<u>Dan jrid jsir fuq *file* maghluq u cioe' fejn l-investiment gie konkluz</u> – Vide fol. 292/3.**

**Perotti a fol. 299** ezebixxa Dok. DP ittra mibghuta lill-avukat tal-attrici, dwar r-**rifjut minn naha tal-bank, ghax-xhieda li riedet tipproduci l-attrici.**

Perotti xhed illi l-attrici fis-sena 2007 kienet on *sick leave* pero' setghat tirritorna l-bank f' status differenti – *outside the regulated board.* **<u>Perotti xhed illi Hackett kellu komunikazzjoni mal-Bord ta' Dixxiplina biex jikkjarifika xi punti.</u>**

Muri Dok. TA1 u TA2 Perotti xhed illi ma kienx gie nformat bl-ittri TA1 u TA2 mis-Superjur tieghu Christine Davis.

Dwar Pauline Grech, Perotti sostna illi din kienet tahdem il-*Wealth Mangement* **pero ma kienitx fil-*Private Clients Team***. Grech ma kienitx fi *grade* inqas minn dak tal-attrici.

**John Sammut** xhed illi Jeffrey Decelis kien wiehed mill-*personel* li jaghmlu l-*internal audit* u li dan ma kellux bzonn ta' licenzja mill-MFSA biex jahdem bhala awditur. Huwa sostna li Clive Parrish u Sue Cassidy kienu fil-*Compliance Unit*.

**Sammut xhed li r-rapport kienu ppreparawh l-*audit group* u gie ccertifikat minn Martin Scicluna.**

**Perotti** a fol. 330 et seq. spjega l-komunikazzjoni bejn il-Bord tad-Dixxiplina u John Hackett u pprezenta Dok. DP2, ir-risposta ta' Hackett - Vide fol. 345. B'referenza ghall Cassidy u Parrish u c-cirkostanzi li fihom telqu minn Malta, **sostna li kien skada t-terminu ta' secondment taghhom**

**John Sammut a fol. 334 et seq** pprezenta licenzja ta' MFSA ta' Pauline Grech Dok. JS9 a fol. 337; – r-retorn tac-certifikat ta' Cassidy u Parrish in segwitu tar-retorn taghhom lejn UK. – Dok JS10 a fol. 338; u Dok. JS11 ilment mill-MFSA dwar l-attrici a fol. 339.

**Dr.Azzopardi a fol. 351** xhed illi huwa kien l-avukat tal-attrici mill-bidu tal-investigazzjoni taghha u li hu u l-attrici kellhom diversi lanjanzi dwar il-modd kif kienu qed titmexxew il-proceduri quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina.

Dr. Azzopardi xhed illi l-provi kienu go *file* mimli dokumentazzjoni u stqarriji**, izda hadd ma resaq biex jikkonferma l-istqarriji, ebda mistoqsija ma setghat issir u ebda xhud in difesa ma seta’ jitressaq.**

Dr. Azzopardi kkonferma l-ilmenti kollha tal-attrici, sahaq fuq n-nuqqas ta’ xhieda viva voce, nuqqas ta’ dritt ta’ kontro-ezami, c-cahda ghal-produzzjoni ta’ xhieda viva voce in difesa u b’modd specjali ghal-fatt li **l-membri tal-Bord tad-Dixxiplina la kienu indipendenti wisq anqas imparzjali stante li il-membri kollha tal-Bord tad-Dixxiplina kienu impjegati tal-istess bank u dependenti fuqu.**

Dr.Azzopardi xhed illi di piu’ Dominic Lewis u Perotti kienu prezenti waqt li l-Bord, kien qed jiddelibera.

In oltre l-attrici nstabet **hatja ta’ kaz ta’ John Ellul li lanqas kien imsemmi fl-akkuza.**

Dr. Azzopardi lmenta li l-attrici giet mcahhda li tesebixxi l-*files* tal-*completed investement* fejn procedura bankarja tkun kompleta izda gew investigati biss l-*files* li **kienu inkompleti**, fejn minhabba l-pressjoni ta’xoghol seta’ kien hemm xi nuqqasijiet zghar.

Apparti dana kollu, **Martin Wilkins li kien gie kkonsultat meta ttiehdet d-decizjoni dwar s-sospenzjoni tal-attrici**, **kien mahtur *Chairman* fl-*Appellate Board*** li ghamel r-revizjoni tad-decizjoni regward l-attrici.

Kien hemm ukoll **inkontri mal-Bord tad-Dixxiplina minn Hackett**. L-investigazzjoni tmexxiet fl-assenza tal-attrici.

Dr. Azzopardi xhed a fol. 359 li l-investigazzjoni giet xprunata b'retaljazzjoni minn Cassidy u Parrish wara li MUBE f'isem *Private Client Management* pprotestat ghat-tmexxija taghhom fil-*Wealth Management*.

Il-bank nnotifika lill-MFSA bil-procedura dixxiplinari pendenti quddiemha kontra l-attrici u dana **qabel** ma ntemm l-istess procedura, u ezebixxa Dok. TA3.

**Joseph Fenech ACIB** xhed a fol. 372 illi kien jifforma parti mill-*Audit Department* u mexxa l-*internal investigations* flimkien ma Geoffrey Decelis. **Huwa xhed li l-intervisti saru mill-*Head of Wealth Management*.** Mistoqsi kif seta jesegwixxi l-investigazzjoni **jekk ma kellux l-ACEFA, Fenech xhed li mexa mal-proceduri**. Fenech xhed illi Pauline Grech ukoll kienet ghamlet xi telefonati lil klijenti ohra**.** **<u>Clive Parrish u Sue Cassidy kienu pprovdew ukoll ghajnuna fl-investigazzjoni.</u>**

Fenech xhed illi kienu saru tlett ilmenti fuq l-attrici. Fenech xhed illi ma ghamel ebda kuntatt mal-MFSA. **Fenech ma setghax jghid <u>jekk l-*audit group* kien qatt investiga lill xi PCM (*Private Client Manager*) fuq xoghol pendenti.</u>**

Fenech kkonferma li bhala membru tal-*Audit Team,* **huwa ma kienx licenzjat mill-MFSA** biex jaghti pariri finanzjarji. **Hu ma attenda ebda kors jew stharrig fuq *Wealth Management.***

Fenech xhed illi huma ezaminaw **il-*pending files* u *new references* u ma harsu lejn ebda *file* komplut – cioe' fejn *sale* ikun sar u kompletat.**

Fenech xhed illi huwa ezamina il-*files* fil-*cupboards* tal-attrici u kien hemm xoghol li skond l-attrici kien "*ancient stuff*" – Vide fol. 393. Fenech xhed illi nzammew **zewg intervisti mal-attrici fil-prezenza tieghu, ta' John Hackett u ta'Geoffrey Decelis**. Fenech xhed illli n-nuqqasijiet li jidhru fir-rapport kienu dwar certi dokumentazzjoni li kellhom jigu inseriti mill-ewwel **u li kien hemm telf ta' investimenti minhabba dewmien.**

Di piu' ma nstabux certu *files* u ghalhekk bdiet l-investigazzjoni.

A fol. 407 Fenech ezebixxa Dok. JF wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kif diversament preseduta' permezz ta' digriet datata 6 ta' Gunju 2007.

Fenech xhed illi l-investigazzjoni bdiet f'Marzu 2004 u pprezentaw ir-rapport fil-bidu t'April 2004.

**Fenech ma kienx jaf kif Pauline Grech giet involuta fl-investigazzjoni u jekk din nghazlitx minn Martin Scicluna jew Hackett.**

Fenech xhed illi kien Hackett li talab ghall-investigazzjoni 'l ghaliex dahhlu xi lmenti mill-klijenti, pprova jfittex il-*files* taghhom, ma sabhomx u bdiet l-investigazzjoni. Fenech sostna **li Hackett ha sehem attiv fl-investigazzjoni** – vide fol. 415. Di fatti kien kellem lill-attrici bit-*telephone* **u kien prezenti ghall-intervisti taghha u *"hafna mid-domandi ghamilhom hu*"** (a fol. 415).

Fenech xhed illi hu ma kienx involut fid-decizjoni tas-sospenzjoni tal-attrici qabel ma bdiet l-investigazzjoni. **Fenech xhed illi kellem ukoll lil Parrish u lil Cassidy.**

Fenech kkonferma li s-superjuri tal-attrici kienet Cassidy.

Fenech sostna **illi ma kienx jaf bil-kwistjoni bejn l-PCM's u l-*Management*.** **<u>Fenech xhed illi ma kellem lill-ebda klijent tal-bank ghaliex dan sar minn Hackett, Pauline Grech u seta kien hemm ukoll Cassidy.</u>** Fenech xhed illi l-investigazzjoni ghamilha flimkien ma Geoffrey Decelis. Huwa zied jghid illi l-attrici kellha xi *files* fil-karozza li ngabru immedjatament u kellha cirka ghaxar *files* d-dar. Waqt l-ewwel intervista, gie skopert li kien fadal xi dokumentazzjoni bankarja fil-pussess tal-attrici.

In kontro-ezami Fenech xhed illi waqt l-intervista tal-attrici kien zamm il-minuti u kopja tal-istess gew moghtija lill-attrici.

**Geoffrey Decelis** a fol. 441E et seq xhed illi kien jahdem *f'internal audit* u kien l-assistent ta' Joseph Fenech, li ezaminaw xi xoghol pendenti tal-attrici. ***<u>Top</u>***

***Management* kienu inkarigati li jqabbad lil Pauline Grech biex iccempel lil klijenti tal-attrici .**

Decelis xhed **li qatt ma hadem fil-*Wealth Management,* jew *Managing Planning* u ma kienx *Private Client Manager* (PCM) izda kien jaf jaqra l-proceduri u janalizza x'sar.**

Innega li kellem lil Cassidy u Parrish **izda kkonferma li kellem lil Hackett.**

Decelis sostna li ma kienx involut fid-decizjoni li tigi investigata l-attrici u lanqas fis-sospenzjoni taghha. Decelis sostna li huma raw biss il-*files* pendenti tal-attrici u **ta'ebda PCM iehor, lanqas ma ccekkja jekk il-*files* qed jdumu aktar ghand Cassidy milli ghand l-attrici. Huwa kien analizza jekk kien hemm *administrative weakness* fil-*files*.**

A fol. 447 et seq. Geoffrey Decelis xhed illi John Hackett kien beda jahdem f'HSBC Malta fl-1 ta' Frar 2004.

Huwa kkonferma wkoll illi Pauline Grech bdiet ccempel lil klijenti tal-bank meta bdiet l-investigazzjoni (Cioe' f'Marzu 2004).

**Johanna Abela a fol. 449 et seq,** xhedet ilii John Hackett kien baghat ghaliha biex jindaga **dwar l-ewwel *complaint* li rcieva tramite Sue Cassidy**, izda minkejja li hija tat spjegazzjoni shiha, Hackett ma emminhiex. Abela xhedet illi l-lanjanza kienet dwar klijent li kienet iltaqghet mieghu tlett gimghat qabel li kien mhasseb dwar flusu fl-HSBC u ried jigbidhom. Abela xhedet illi hija tratteniet 'l ghaliex Parrish u Cassidy qalulha li kellhom investiment adatt hafna ghal dan il-klijent konservattiv li l-awtorizzazzjoni tieghu mill-MFSA kien mistenni minn mument ghall-iehor. Abela xhedet li wara li tat spjegazzjoni l-klijent (certu Mr. S), dan kien accetta li jistenna, Abela spjegat illi Hackett kien ghadu kif wasal f'Malta u qaghad fuq il-kelma ta' Parrish u Cassidy minkejja il-*husband and wife relationship* li kien hemm oggezzjoni mill-MUBE (a fol. 450).

Abela xhedet illi Cassidy kienet l-"*immediate superior*" taghha u li minkejja li hija b'investiment li jaghlqu fi zmien qasir hafna, kien tghaddilha *files* fil-pront, Cassidy kienet tirritorna il-*files* tard.

Abela xhedet li waqt l-investigazzjoni hija informat lill-investigaturi li kellhom **jezaminaw numru ta' *completed files* sabiex jaraw t-tul ta' zmien li Cassidy kienet zzomm il-*file* sabiex jaraw r-raguni vera ta' dewmien (a fol. 452).**

Di piu' fil-*completed files* kien jirrizulta b'modd car il-metodologija li biha kienet zzom il-*file* tal-klijent. Minkejja dan, l-investigaturi **cahdu t-talba taghha** ghall-ezami tal-*completed files* u l-access taghhom fid-difiza taghha. Abela xhedet illi l-*file* li dwarhom kien hemm l-investigazzjoni, kien *file* li hija kienet iltaqghet mal-klijent, darba biss u lanqas ma kienet ghada ghamlet *letter of advice,* (a fol. 454) xoghol li kien ghadu fl-inizju tieghu. Hija spjegat li meta jigi klijent l-ewwel darba l-bank, hafna drabi lanqas ma jkollu *identity card* fuqu, u certament f'inkontru wiehed, PCM ma jistghax ikun jaf il-klijent, wisq anqas l-investiment li jkun adatt ghalih. Hija xhedet li il-PCM kellhom l-awtorizzazzjoni minn Clive Parrish biex jiehdu il-*files* d-dar (a fol. 455). Dan kien jigri meta l-laqghat kienu jsiru ghand il-klijent. **Abela lmentat li l-investigaturi ma indagawx mal-klijent li ghamel l-ilment izda qaghdu fuq il-kelma ta' Hackett, Parrish u Cassidy** (a fol. 546).

Abela xhedet illi hija **kienet imhassba** meta semghet illi Pauline Grech kienet qed tikkonduci l-investigazzjoni 'l ghaliex **Grech ma kienitx parti mill-*Private Client Managers Team* jew parti mill-*Private Life Team*, ma kienitx licenzjata biex taghti parir f'investiment jew *financial advice* u lanqas ma kienet kwalifikata biex taghmel dan.** Abela sostniet ukoll illi l-investigaturi lanqas giethom f'mohhom **illi jiccekjaw x-xoghol pendenti tal-PCM ohra** sabiex jkun f'qaghda li jqabblu dan ma xoghol pendenti taghha. Abela xhedet illi il-PCMs l-ohra kienu gia mdejqa bl-attegjament ta' Parrish u Cassidy u avvicinaw l-MUBE u dan l-ilment gie publikat fuq il-*website*. **Minn dan il-mument 'l quddiem, Abela sostniet li Parrish u Cassidy wahhlu fiha, ghal din il-mizura industrijali.**

**William Portelli a fol. 467 et seq. President ta' *Malta Union of Bank Employees*,** xhed il-**PCMs kollha** kienu ghamlu lment u ffirmaw ittra, u MUBE kitbet lil bank

ghan-nom taghhom dwar il-fatt illi l-*Head* u l-*Assitant Head* tal-*Wealth Management* kienu *partners - husband and wife relationship*. **Huwa kkonferma li wahda mill-ilment t'Abela kienet li l-*files* taghha kienu qed jdumu ghand Cassidy**. Portelli kkonferma li ftit wara l-ilment, Parrish u Cassidy ma baqghux Malta (a fol. 476).

Portelli xhed illi fl-istess zmien, kien dahal l-kaz tal-attrici b'allegazzjoni li ma kienitx qed tobdi regoli tal-bank u xi lmenti ohra (a fol. 485). Portelli xhed illi hu applika l-procedura normali, cioe' Abela intalbet tirrispondi mistoqsijiet *f'interview preliminary;* li jigu provduti l-*files,* li Abela taghti interpretazzjoni taghha; bdiet l-investigazzjoni; l-*Bank* hareg ic-*charge* u intaghzlu l-Membri tal-Bord skond l-*agreement*.

Meta dehru quddiem il-Bord, Portelli jghid li kienet harget *charge* kontra Abela u il-bank pproduca *ring-file* li kien jikkontieni l-ilmenti u dokumentazzjoni li saru kontra Abela (a fol. 492).

Portelli sostna li **ebda xhud tal-bank ma tressaq biex jikkonferma il-kontenut tad-dokumenti fir-*ring-file***. Portelli xhed illi l-kontenut tal-*file* jigi vverfikat billi jsiru sottomissjonijiet jew billi jintalab verifika ulterjuri. Ma kienitx il-prattika tal-bank li jsir xi kontro-ezami 'l ghaliex dawn ma kienux proceduri quddiem il-Qorti (a fol. 502).

Portelli xhed illi matul il-proceduri quddiem il-Bord, huwa kien oggezzjona **'l ghaliex il-Bank minghajr ftehim, ddecieda li ma jressaqx xhieda.** Huwa sostna li kien hemm kaz uniku precedenti, fejn il-bank u l-MUBE ftiehmu li ma jitressqux xhieda izda fil-kaz t'Abela, ma kienx hemm dan il-qbil – Vide fol 503 sa 505 tant illi l-bank ***"qabad u applikha bhala prattika"*** (a fol. 505).

Portelli xhed illi huwa jassisti impjegati ta' banek ohra u sostna li l-proceduri ta' dawn **il-banek kienu differenti izda kienu jittellghu impjegati tal-bank biex jixhdu ghalkemm mhux bil-gurament** (a fol. 511). Portelli sostna illi kienu pprovaw jevitaw li jressqu il-klijent tal-bank biex jixhdu.

**Mark Simms a fol. 516 et seq**, xhed illi huwa wasal Malta fil-5 ta' Dicembru 2004 u sar jaf bil-kaz tal-attrici f'Jannar 2005 meta ha l-inkarigu li kellha Christine Davies.

**Simms xhed illi f'dan l-istadju, l-kaz kien konkjuz anke mill-istadju tal-Bord Appell**. Simms kkonferma li in segwitu u fuq talba tal-avukat tal-attrici, zamm laqgha li kienet bla pregudizzju A fol. 523 Simms kkonferma li l-bank kien ghamel offerta ta' Lm27,000 u ohra ta' LM58,000. Simms xhed a fol. 524 illi kienu msemmija ukoll figuri ta' Lm150,000 u Lm250,000 li kienu figuri li kienu proposti mill-avukat difensuri tal-attrici kif ukoll il-figura ta' Lm 130,000 inkluz post tax-xoghol.

A fol. 541 Simms ezebixxa Dok MS1 u MS2 li hija l-offerta maghmula mill-bank lill-Abela fejn il-bank offra Lm27,000 u sussegwentament Lm58,000 u li minkejja li l-offerta tidher li saret minn William Portelli, attwalment kienet offerta tal-bank (Vide fol. 543)

Simms kkonferma illi l-kontra offerta tal-attrici cioe' Lm130,000 u post tax-xoghol jew Lm250,000 gew rigettatti mill-HSBC.

A fol. 556 Mark Simms xhed illi Parrish u Cassidy kienu retornaw l-Ingilterra bhala impjegati tal-bank HSBC, **kellhom kuntratt ta' tlett snin f'Malta li skada f'Mejju 31 ta' 2004.**

**Ikkonferma li kienet saret investigazzjoni fuq Parrish u Cassidy, izda kien ma hemmx provi bizzejjed biex jittiehdu passi ulterjuri (a fol. 558).**

**William Portelli a fol. 568** ikkonferma li l-bank kien ddecieda minn rajh, li ma jressaqx il-klijenti tal-bank u li MUBE kienu oggezzjonaw ghal fatt li l-bank hadha bhala prattika stabbilita', li ma kellhomx jitressqu impjegati tal-bank biex jixhdu viva voce izda kellhom jaghtu *statement* bil-miktub. Portelli ma setghax jiftakar jekk giex pprezentat xi dokument bla firma, liema firma saret sussegwentement. Portelli xhed ukoll li kienet nzammet laqgha in segwitu ta l-ilment tal-PCMs, li ghaliha kien prezenti hu, Martin Wilkins u Parrish, f'liema laqgha Parrish gie mistoqsi **u ammetta li kien qal kliem zejjed li kien urta l-PCMs**. In segwitu ta' dan, l-MUBE ma baqghax jkellem lil Parrish (a fol. 577) u dahal Hackett li kien Head tal-*Personal*

*Finance Services*. Huwa ezebixxa Dok. WP ( afol. 593) imnizzla minn maltastar.com li tirreferi ghal *husband and wife relationship* bejn Parrish u Cassidy (a fol. 586). Portelli xhed illi l-akbar lanjanza mill-punto di vista ta' proceduri, **kien il-fatt illi d-difiza ma thalliex tressaq xhieda** ( a fol. 589).

A fol. 595 sa 684, Portelli sostna l-bank ezebixxa d-dokumenti mitluba mill-attrici. Portelli xhed illi huwa kien qieghed jittratta ma Christine Davies bil-ghan illi l-attrici tigi reintegrata fuq il-post tax-xoghol. Il-bank ma accettax li l-attrici terga tahdem fil-*Wealth Management* u offra li tmur f'sezzjoni ohra. Nelfratemp Christine Davies ma baqghetx Malta u giet sostitwita b'Mark Simms. Alternattiva ohra kienet li tigi mifthema somma accettabbli ghall-partijiet u jigi terminat l-impjieg. Portelli xhed illi **l-impjieg f'*Wealth Management* kien jirrendi aktar ghaliex kien *a commission based practice* .** Portelli xhed illi Richard Reed kien *c-Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina fil-Prim Istanza u kien jokkupa il-kariga ta' *Head of Life Insurance* tal-bank (a fol. 693).

Portelli ikkonferma li kien wara il-kaz ta' William Stelman, li l-bank ha l-posizzjoni li ma pproduciex il-klijenti jew l-impjegati bhala xhieda fi proceduri dixxiplinari ( afol. 693-694)

Portelli xhed b'referenza ghal dokument 2 fid-*dossier*, illi dan d-dokument kien gie pprezentata minghajr firma u li l-union kienet insistiet li jigi ffirmat u hekk gara. **Huwa sostna li Hackett ma thalliex jigi prodott bhala xhud ghal kontro-ezami.** Portelli sostna **illi ma dehrlux li MUBE kienet giet informata li Martin Wilkins kien involut fid-decizjoni tas-sospenzjoni** tal-attrici mill-post tax-xoghol, altrimenti kien **joggezzjona li Wilkins joqghod bhala c-*Chairman* fuq il-Bord tal-Appell**.

Portelli kkonferma illi kienet saret seduta wahda ghas-sottomissjonijiet fil-proceduri tal-Appell.

Portelli sostna illi l-*completed files* tal-attrici ma gewx prodotti ghall-ezami, izda biss il-*files* pendenti. Ikkonferma ukoll il-*policy* tal-HSBC kif ukoll dik tal-MidMed kienet li ma jkunx hemm *husband and wife relationship f'Management* ta' sezzjoni bankarja (a fol. 701) Portelli xhed illi minkejja li l-PCMs lmentaw formalment b'din ir-

relazzjoni, meta nqala il-kaz tal-attrici**, l-attrici donna giet identifikata bhala il-persuna li kienet qed tmexxi l-ilment tal-PCM** – Vide fol. 703. Portelli xhed illi l-bank kien tal-fehma illi kien obbligat li jinforma lil MFSA bil-proceduri dixxiplinari mehuda kontra l-attrici meta jkun hemm sospenzjoni.

In kontro-ezami Portelli xhed illi meta nbdew it-tieni proceduri dixxiplinari, John Hackett kien *Head tal-Personal Financial Services* waqt li Martin Wilkons kien *Head of Wealth Management* li pero' kien jirraporta lil John Hackett – Vide fol. 708.

**Anthony Formosa**, *Financial Controller* ma UCIM CO (a fol. 726) xhed illi kien jaf l-attrici ghaliex kellu numru t'investimenti mal-HSBC u l-attrici kienet ttieh pariri fil-kariga taghha ta' *Private Clients Manager*.

Ikkonferma li l-attrici kienet efficenti hafna u li jekk ma kienx segwa l-pariri taghha dan kien ghaliex ried jinvesti flusu f'opportunitajiet ohra (a fol. 726).

Formosa xhed illi jekk kien hemm xi laqghat li ma zzammewx, u li dan kienet haga normali f'*a working relationship.* Huwa kkonferma l-firma tieghu f'dokumenti msemmija. Regward il-firma ta' martu, Formosa xhed illi martu kienet *teacher* u li ghalhekk kienet iffirmat xi granet wara.

**Muri *complaint form* Dok E, huwa xhed illi qatt ma kien thajjar jaghmel investiment l-Isvizzerra; li l- *complaint form* ma kienitx iffirmata minnu; u li huwa qatt ma kellu l-icken problema mal-attrici u li qatt ma staqsa biex jitkellem ma ufficcjali tal-Bank. Di piu' *"Ma kontx kuntent bil-modd li kont qed nigi interrogat minn Sue Cassidy . Nghid ili kien qisu third degree"*(a fol. 727) Kemm kien ilu juza l-HSBC, huwa qatt ma ghamel lment ufficcjali fuq xi impjegat u qatt ma ffirma xejn f'dan ir-rigward.**

**Krispin Spiteri** a fol. 768 et seq. muri Dok CS1 kkonferma li din kienet fotokopja tal-karta tal-identita tieghu. Ikkonferma li ltaqa' mal-attrici xi tlett snin qabel l-HSBC u fehmitu fuq xi prodott finanzjarju**. Ikkonferma li qatt ma ghamel rapport jew xi lment mal-bank HSBC fuq l-attrici.** Huwa sostna illi kien gibed s-*savings* tiehu ghaliex ddecieda unilateralment li ma jaghmilx l-investiment**. Tkellem fuq l-**

**investiment mal-HSBC li ma kienx irrenda dak promess, <u>li fih ma kellha x'taqsam xejn l-attrici.</u>**

Muri Dok F qabel mal-kontenut tieghu u regward Dok. G, ftakar li kien cempillu xi hadd minn HSBC biex talbu r-raguni 'l ghaliex gibed flusu u rrisponda li hekk kien qabillu, stidnuh jekk riedx jitkellem fuq xi lment izda hu rrisponda li ma kienx interessat (a fol. 769).

**Christina Parlato Trigona** a fol. 793, Direttrici tas-*Securities Unit* fi hdan l-MFSA, xhedet l-Awtorita' zzom lista ta' dawk il-persuni li jistghu jaghtu pariri fuq investimenti u kkonfermat li l-attrici kienet wahda mill-persuni fuq din il-lista. Ikkonfermat li l-attrici kellha CEFA (*Certification for Financial Advisors*) u li kienet hekk awtorizzata mill-MFSA sa mis-sena 2001. Ezebiet Dok CPT1,2,3 in sostenn ta' dan.

Christina Parlato Trigona xhedet li fis-6 t'Ottubru 2003 (CPT4) rceviet ittra mill-HSBC dwar proceduri dixxiplinari fuq l-attrici u fit-22 t'Ottubru 2004 ittra ohra (CPT5) fejn l-attrici kienet thalliet taghti pariri taht supervizjoni.

Fit-30 t'Ottubru 2003 (Dok CPT6) l-HSBC informat lill-MFSA li l-attrici inghatat *warning* li l-attrici kienet appellat inutilment (Dok CPT7). L-HSBC permezz t'ittra Dok CPT8 informa lill-MFSA li l-attrici giet sospiza u Dok. CPT9 li tressqet quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

Ix-xhud kkonfermat illi l-avukat tal-attrici kien kiteb lill-MFSA (Dok CPT10 u CPT12 u li l-avukat tal-MFSA kien irrisponda permezz ta' Dok. CPT11 u 13). Giet ezebita ukoll d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u Bord tal-Appell Dok. CPT14 u nota dwar laqgha mal-attrici fis-17 t'Ottubru 2004 (CPT 15). In segwitu tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell, l-attrici tnehhiet mill-lista tan-nies awtorizzati biex jaghtu pariri fuq investimenti. **Parlato Trigona xhedet li Pauline Grech ma kienitx awtorizzata biex taghti parir fuq investimenti f'Marzu 2004** u qatt ma saret talba biex titqieghed fuq din il-lista. Ghal regward ta' min seta' jaghmel supervizjoni, **din il-materja tithalla fid-diskrezjoni tal-bank**.

Fit-tieni xhieda taghha a fol. 826, Christine Parlato Trigona ezebiet Dok CPT 16 li juru il-kwalifiki rekonoxxuti mill-Awtorita' li jwasslu ghall-awtorizzazzjoni mill-MFSA.

Ghar-rigward il-promozzjoni u bejgh ta' certu prodotti, x-xhud spjegat li l-MFSA kienet tirrikjedi li l-individwi jkunu mharrga minn persuna minnha awtorizzata. Sostniet li l-MFSA tapprova tahrig intern. Hija ezebit Dok CPT17.

Ix-xhud spjegat illi kienet decizjoni tal-bank li jindividwalizza liema mill-impjegati ghandu jinghata xoghol t'*investment advisor*. L-MFSA tassigura li dan l-impjegat jkollu l-kompetenza mehtiega.

**Mark Muscat** *Private Client Manager* (PCM),a fol. 825A xhed illi huwa kien dahal fil-*Wealth Management* disa' snin qabel, u hadem ta' PCM ghal sitt snin. Il-PCMs kienu Kevin Mifsud, l-attrici, Alfred Caruana, li Susan Cassidy li kienet *Line Manager* waqt li zewgha Clive Parrish kien il-*Manager* taghhom lkoll. Pauline Grech kienet tahdem f'*Wealth Management* izda huma kienu fuq pariri lil klijenti privati.

Mark Muscat xhed illi *concluded work* kien jfisser li PCM jkun ghamel l-investiment waqt li *pending work* ifisser li PCM jkun ghadu fil-fazi ta' negozjar. Muscat spjega il-generu tax-xoghol, li jibda b'*referral* li tghaddi ghand PCM. Dan jaghmel kuntatt mal-klijent u jaghmel l-ewwel laqgha. PCM jaghmel *fact finding exercise* dettaljat fuq il-klijent cioe l-oggettivi tal-klijent, il-protezzjoni tieghu, l-pjanijiet ghal meta jirtira, l-investimenti u l-bzonnijiet tal-klijent jigu identifikati u jaghtu rakkomandazzjonijiet. Din l-informazzjoni tigi redatta f'*referral forms* , appoziti li ma ssirux fil-prezenza tal-klijent. L-inqas numri ta'meetings li PCM jzomm, huma tnejn pero' jista' li jkun hemm diversi laqghat. Muscat xhed illi huwa mpossibbli li l-PCM ma jkollux xoghol pendenti. Muscat **xhed illi qabel 2004 ma kien hemm ebda *manual* b'xi regoli specifici dwar kif ghandu jitmexxa ix-xoghol pendenti.**

Infatti il-*file* kien jinfetah meta jsir in-negozju b'dana li r-*referral* u l-*fact finding exercise* kienu jinzammu flimkien. Il-*Line Manager* u l-*Manager* fi 2004 ma kienux jiccekjaw il-*pending work* hlief meta c-cifri tal-investimenti proposti jaqbzu certu ammont, meta allura il-PCM kien jehtieg *pre sale authorisation* minghand Cassidy jew Parrish. Muscat xhed illi gieli minkejja x-xoghol u hegga kollha tieghu, n-negozju

ta' investiment ma jsehhx. **Muscat xhed illi <u>wara</u> il-kaz tal-attrici u mhux necessarjament minhabba fih, <u>il-bank hareg *procedure manual*</u>.**

Muscat xhed illi il-PCMs ma kienux kuntenti bil-*husband and wife relationship* bejn il-*Line Manager* (Cassidy) u l-*Overall Manager* (Parrish) u kienu rregistraw dan l-ilment b'mod ufficcjali mal-MUBE.

Huwa sostna li ma ftakarx illi kien hemm xi telf ta' flus ghal-bank, jew xi klijent tal-bank.

**Nathalie Buttigieg Chetcuti** a fol. 865 et seq xhedet illi tahdem fil-*Human Resources Department* tal-HSBC u konfermat li kien hemm ittra mibghuta mill-MUBE ghan-nom tal-PCMs li kien qed jilmentaw fuq l-attitudni ta' Clive Parrish u Sue Cassidy lejn l-istaff u li kien hemm *husband and wife relationship.*

Ix-xhud ikkonfermat li kienet saret laqgha ma Christine Davies li ghaliha kienet prezenti stante li kienet tiehu il-minuti tal-laqgha. Dawn il-minuti ghaddiethom lil Christine Davies u ddiskutiethom ma Martin Wilkins li kien COO.

Ix-xhud kkonfermat li ma ghamlet ebda *back up* ta' dawn il-minuti.

**Marisa Vella** a fol. 867 et seq. xhedet illi hija kienet tahdem fl-*International Banking Centre* waqt li l-attrici kienet fil-*Wealth Management Private Clients* f'Republic Street Valletta. Philip Mercieca kien Head tal-*International Banking Centre* (IBC).

Vincent Fenech kien jahdem maghha fl-IBC kellu kariga ta' *Relashionship Manager for High Network Clients*. Ikkonfermat illi Fenech f'mument ta' rabja – "*outburst*" - kien qal kliem spegorattiv fil-konfront tal-attrici w uza l-kelma "qahba" –Vide fol. 867.

L-attrici li ma kienitx prezenti meta sar dan il-kliem, kienet saret taf bih ghaliex hija (Vella) kienet informatha b'dan. L-attrici kienet qaltilha li ser taghmel rapport dwar dan.

Vella ma kienitx taf jekk il-bank ha xi azzjoni kontra Fenech dwar dak li qal u lanqas ma kienet taf li Fenech kien ghamel, (minn rajh jew fuq struzzjoni), xi apologija lill-attrici.

Vella xhedet illi kienu semghu li l-attrici giet sospiza wara l-kwistjoni ma Sue Cassidy.

**Christian Debono**, a fol. 872 et seq, PCM mal-HSBC b'ghaxar snin esperjenza fl-inkarigu, xhed illi l-attrici kienet aktar *senior* minnu. Huwa xhed illi kien hemm problema relatata ma Sue Cassidy u Clive Parrish. Huwa stqarr li kien hemm gia hafna *pressure of work* f'dan l-ambjent u dan kien awmentat 'l ghaliex d-*day to day issues* kienu jasslu ghand Parrish u dan kien jirritalja billi joqghod fuq dak illi tghidlu martu (Sue Cassidy) minghajr ma jisma lil PCMs. Fuq dan ilmentaw mal-HR u dahlet ukoll l-MUBE. Huwa stqarr illi Christine Davies kienet kellmet lil PCMs u il-problema rrisolviet ruhha 'l ghaliex Sue u Clive telqu minn Malta. Christian Debono ikkonferma x-xhieda ta' Mark Muscat ghal dak li jirrigwarda x-xoghol ta' PCM u kkonferma li **<u>l-awditur tal-bank jew tal-MFSA qatt ma ghamlu *audit* tal-*pending work*, u ma jafx li dan it-tip t'*audit* qatt sar fuq PCM iehor. L-*audit* kien jsir fuq *concluded business*.</u>**

Dwar *files* li jittiehdu d-dar, Debono xhedet li waqt li hu qatt ma ha *files* id-dar, **kien jaf illi l-kollegi tieghu kienu jaghmlu dan qabel 2004**, izda wara din id-data ma setghux jiehdu l-*files* d-dar.

Dwar *complaints,* Debono xhedet illi dejjem ser jkun hemm xi *complaint* mil-klijenti. Huwa sostna illi hadd **qatt ma inghata xi *charge* dwar *pending work***. Huwa xhed illi bejn salarju u *commission* kien **ppercepixxa madwar €90,000** fis-sena ta' qabel. Johanna Abela kienet wahda mill-PCM li tahdem sieghat twal u "*ma nista' nghid xejn negattiv dwarha.*" (a fol. 875).

**Kevin Mifsud** a fol. 870, PCM xhed illi huwa kien kollga tal-attrici u bdew fl-inkarigu f'Lulju 2001.

Huwa kkonferma il- *husband and wife relationship* tas-superjuri tieghu Cassidy u Parrish kienet "skomda", li l-PCMs kienu hadu *stand* u dahhlu lill MUBE. Kien hemm laqghat mal-*Head* tal-HR Christine Davies u l-problema rresolviet ruhha meta Parrish u Cassidy telqu minn Malta.

***"Sa llum il-gurnata ma nafx ghaliex Johanna Abela ma baqghetx tahdem maghna. Anha konna nahdmu tajjeb ma xulxin u nghid li meta telqet Johanna, kien hemm stat ta' incertezza fija minhabba dan il-fatt. Meta gie sospiza Johanna Abela l-bank ma taghna l-ebda informazzjoni u , kif ghedt sallum ma nafx ghalfejn. Inzid li anzi ma stajtx nimmagina ghalfejn kellha titkecca ghaliex kienet tahdem hafna."*****(**Vide fol. 875)

Kevin Mifsud spjega il-generu tax-xoghol ta' PCM u li gieli zamm sitt laqghat mal-klijent qabel ma kkonkluda l-investimenti, u li gieli tilef l-investiment ghax il-klijent mar ghand haddiehor.

<u>**Mifsud sostna illi sa fejn jaf hu qatt ma sar awditjar mill-bank jew mill-MFSA dwar *pending work***</u> (a fol. 876).

Mifsud xhed illi ***"f'dak iz-zmien kienet koswetudni li tiehu files id-dar. <u>Jiena ukoll kont niehu files id-dar.</u>"*** u li din kienet haga regolari – a fol. 876. Mifsud xhed illi fis-sena 2010 ippercepixxa €93,000 u fi 2005 jew 2006 kien qala €116,000 waqt li fis-snin 2004, 2005, 2006 kienu *"aktar tajbin bhala income"* – a fol. 876.

**John Hackett fl-affidavit tieghu a fol. 885 et seq**, xhed illi huwa mpjegat mal-HSBC plc u gie *seconded* biex jahdem f'Malta fl-1 ta'Frar 2004 bhala *Head of Wealth Management* biex jisostitwixxi lill Parrish li kien ser jaghlaq il-kuntratt tieghu f'Malta.

Huwa kellu laqgha indiviwali ma kull PCM. Meta iltaqa' mal-attrici minkejja li informatu bil-pressjoni kbira ta'xoghol, ma intimatx li kienet qed tigi vitimizzata mill-*management*. Fit-23 ta'Frar 2004 Raymond Briffa, *Head of Personal Banking* informah li dahal ilment minn ceru Crispin Spiteri dwar l-attrici minhabba dewmien

u li l-attrici ma pprovdietx ir-rakomandozzjonijiet fuq l-investimenti. Ghalhekk il-bank tilef l-opportunita ta' negozju.

Huwa sostna li *in-trays* tal-attrici kellhom hafna karti izda mhux *files* tal-klijenti. L-attrici giet mitluba tipproduci dawn il-*files* izda ma setghatx. Il-PCMs inghatlu struzzjonijiet illi l-*files* tal-klijenti ma setghux ikunu fuori l-bank ghajr ghal lejl wiehed u li kellhom jigu retornati l-ghada.

L-attrici giet informata bl-ilment ta'Spiteri u Hackett talab *review* tal-*new referrals* biex jqabbel dawn ma dawk li dahhlu fil-MLPP *desk*.

Hackett sostna li meta ezamina r-*referrals* tal-attrici, sab in-nuqqasijiet procedurali fil-*pending work* tal-attrici li indika a fol. 885 (dorso) li jinkludi *Identification weakness; Contact Logs weakness; Confidential Questionnaires weakness;* u *Recommendation Letters weakness*.

Hackett xhed illi n-nuqqasijiet fil-*customer's risk attitude* seta jwassal ghal proceduri kontra l-bank. Huwa xhed illi l-attrici kienet gia giet dixxiplinata fuq inefficcjenza u kienet ghadha kemm harget minn supervizzjoni meta dahal tieni l-ilment.

Hackett xhed:*"**the volume and breadth of those weaknesses were <u>less</u> than those highlighted in September 2003**"* li pero' dawn in-nuqqasijiet gew konsiderati fid-dawl tad-decizjoni tal-14 t'Ottubru 2003 fejn kien ritenut: "*further similiar shortcomings would lead to disciplinary proceedings under Gross Misconduct ...*"(a fol. 886).

Hackett xhed illi kien koncernat li certu *files* kienu nieqsa ghal zmien konsiderevoli u li kien ghadu ma sar xejn fuq l-*file* ta' Crispin Spiteri, li kien nfetah tlett gimghat qabel. Di piu' Hackett sab illi fil-kaz ta' Juliette Attard u tal konjugi Cachia l-attrici ma kienitx kisbet l-awtorizzazzjoni tal-*line manager* jew superjuri taghha fiz-zmien meta kienet taht supervizzjoni.

Kien ukoll dahhlu ilmenti precedenti mill-konjugi Schembri u l-konjugi Dingli u E.E. Sullivan & Co Limited. L-ewwel wiehed jikkoncerna nuqqas t'offerta

t'akkompanjament tal-klijent anzjan (Carmelo Aquilina) biex jiffirma l-investimenti; parir konfliggenti fuq l-investiment (konjugi Schembri); dwar refuzjoni ta' Lm9.47 interessi konjugi Dingli; u insistenza da parti tal-attrici li tiltaqa' ma Direttur ta' E.E. Sullivan & Co Limited ghal kopja ta' karta tal-identita'.

Hackett rega' rrefera ghall-ilment tal-Crispin Spiteri u apparti n-nuqqas ta' xi dettalji fl-informazzjoni inkluz li l-kopja fotostatika tal-karta tal-identita ma kienitx cara, it-tul fir-rispons, Hackett kien koncernat li l-*file* ta' Spiteri, ma kienx il-bank u kellu jingab mid-dar jew mil-karozza taghha. Hackett xhed illi fl-1 ta' Jannar 2004 l-attrici kienet rceviet tmienja u erbghin *referral*, kienet rat disgha u tletin minnhom izda ghaxra kienu processati mill-MLPP *sign off* – waqt illi sal-25 ta' Frar 2004 'l fuq minn ghoxrin *file* ma kienux il-bank.

Hackett xhed illi huwa kien ukoll investiga dak li kienet qaltlu l-attrici dwar il-kaz ta' Juliette Attard u li peress illi l-prodott kien *Execution only* kienet halliet il-kaz f'idejn Duncan Triganza biex jikkompleta l-investiment. Triganza pero' qatt ma kien ra lil klijent u ma kienx f'qaghda jikkompleta l-formoli vojta li tatu l-attrici.

Hackett xhed illi huwa kellem lill-attrici fuq dan fil-15 ta'Marzu 2004 u l-verzjoni taghha ma kienitx korroborata ma dak li qalet il-klijenta Attard, Triganza jew Cassidy u ghalhekk beda jissuspetta fl-integrita' tal-attrici.

Rigward l-ilment ta' Anthony Formosa li dahal fil-24 ta'Marzu 2004, Hackett xhed illi mill-*file* irrizulta mart Formosa ma kienitx involuta fil-laqghat dwar l-investiment. L-attrici sostniet li s-Sinjura Formosa kienet attendiet u ffirmat.

Meta Hackett kellem lill-Anthony Formosa, dan sostna li hu kien ha hsieb tal-investiment u l-attrici kienet tatu l-applikazzjoni u li martu kienet ffirmatu u hu kien kkonsenja l-karti lill-attrici.

Hackett xhed illi l-ilmenti t'Attard u Formosa indikaw illi l-verzjoni tal-attrici ma kienitx korroborata mill-klijenti jew mill-impjegati l-ohra.

Illi fl-1 ta' Marzu 2004 hu, bhala Chief Operating Officer (COO), **Wilkins, Davies u Dominic Lewis ddecidew illi jissospendu lill-attrici on *full pay* pendenti l-investigazzjoni** u l-attrici rceviet ittra ta' sospenzjoni fil-prezenza ta' David Perotti.

Minkejja li l-attrici informat lil bank li kelllha xi zewg files fil-karozza, l-ghada l-attrici nformat li kellha xi *files* ohra d-dar u fit-3 ta' Marzu ufficjali tal-bank gabu ghaxar *files* tal-klijenti mid-dar tal-attrici.

Fit-2 ta' Marzu 2004 l-attrici giet informatha b'laqgha tal-*Audit Team* u fis-16 ta' Marzu 2004 kienet ser tinghata l-opportunita' li tikkjarifika l-lanjanzi maghmula u fis-16 ta' Marzu hija kontradiciet il-verzjoni moghtija minn Juliette Attard, Triganza u Cassidy. Matul dan il-*meeting* li ghalih kienu prezenti Joseph Fenech u Hackett, l-attrici kkonsenjat tmien (8) *Group Introductory Forms* – (*referrals* godda). Meta gew identifikati certi nuqqasijiet, l-attrici rrispondiet li dan kien xoghol antik li kien imur lura ghas-sena 2001.

Fit-2 t'April 2004 sehhet t-tieni intervista tal-attrici – cioe; insegwitu tal-ilment t'Anthony Formosa. F'din il-laqgha kien prezenti Geoffrey Decelis li kien l-awditur/ investigatur. Hackett xhed: *"I conducted the interview"* (a fol. 889).

Hackett xhed illi Parrish u Cassidy ma kienux involuti f'din l-intervista jew investigazzjoni jew fid-decizjoni tieghu li jinizija l-*audit* fuq l-ilmenti migjuba kontra tal-attrici u x-xoghol taghha. L-investigazzjoni tmexxiet minn Joseph Fenech assistit minn Geoffrey Decelis.

Hackett xhed illi kien ikkuntatjah William Portelli (MUBE) u informah li kien qed jistenna evidenza minghand l-*investigation team,* **li d-decizjoni biex jissospendu l-attrici kienet tieghu (ta Hackett)** u li l-investigazzjoni kienet ser tiehu z-zmien taghha.

Kif spiccat l-investigazzjoni, bdew il-proceduri dixxiplinari u hu gie intervistat fl-investigazzjoni u fil-proceduri dixxiplinari. Rigward n-nuqqas ta' firma fuq l-*attachment C* mal-*letter of charge*, Hackett ikkonferma li din saret minnu u ffirmaha.

**Duncan Triganza a fol. 890 et seq** *Manager Human Resources* xhed illi f'Marzu 2004 huwa kien *Financial Planning Officer*. Huwa xhed illi f'Marzu 2004 l-attrici kienet ghaddietlu xi dokumenti li ghamlet, regward certa Juliette Attard li kienet talbet ghall-investiment *Execution only*. Dan kien investiment li ma jirrikiediex pariri bankarji, prodott li jinbiegh mis-*Sales Force* tal-bank.

Triganza spjega li Abela ma kienitx awtorizzata taghmel dan l-investiment u qaltlu biex jiehu hsieb tal-kaz bhallikieku Attard kienet klijenta tieghu, pero l-formoli ma kienux mimlija kollha, ghalkemm kienu ffirmati mill-klijenta li kienet gia telqet mill-bank.

Minhabba nuqqas ta' xi dettalji, huwa ma setghax jikkompleta t-transazzjoni u informa b'dana kollu lill-*Area Sales Manager* Phyllis Bajada Abram. Triganza kkonferma li kien gie mitkellem minn Hackett, Clive Parrish u Charles Pace.

**Philip Mercieca a fol. 892** xhed li ma jiftakarx xi lment maghmul mill-attrici ta' *sexual harrasement* fuq Vincent Fenech. Lanqas ftakar f'xi incident iehor, jew kliem offensiv. ***"anzi nghid I do not remember any case. Nahseb li kont niftakarha haga serja bhal din"*****(a fol. 894).**

**Dominic Lewis in kontro-ezami** a fol. 899 xhed, illi xoghlu kien li jassisti l-Bord tal-Appell, jigbor d-dokumenti biex jiffacilita' xoghol tal-Bord. Huwa stqarr illi ma kien hemm ebda indhil fuq l-operat tal-membri tal-Bord u ebda membru tal-Bord ma impona fuq membru iehor tal-Bord. Fil-fatt il-Bord tal-Appell ddecieda li ma jimponiex t-tnehhija ta' ***grade*** tal-attrici kif kien ddecieda l-Bord ta' Dixxiplina tal-prim' istanza.

**David Perotti in kontro-ezami** a fol. 900 kkonferma li Section 27 tal-*Collective Agreement* 2003/2004 kien japplika ghaz-zewg proceduri dixxiplinari kontra l-attrici.

Perotti xhed illi kien hemm zewg proceduri kontemplati wiehed ghal *misconduct* u iehor ghal *gross misconduct*.

F'kaz ta' *misconduct,* d-*disciplinary manager* jisma l-kaz u jkun hemm prezenti rapprezentant tal-*Human Resources* tal-bank. Mid-decizjoni tad-*disciplinary manager* hemm dritt t'appell.

Fil-kaz ta' *gross misconduct* il-Bord jkun kompost minn *Chairperson* (ta grad M96) u zewg membri ohra li jridu jkunu mpjegati tal-bank, wiehed maghzul mill-bank u iehor mill-MUBE.

F'kaz ta' certu serjeta', jsir *internal audit* li jinvolvi ezami tad-dokumenti, intervisti tan-nies, thejjija ta' rapport li jinghata lid-Dipartiment tal-*Human Resources*.

L-ewwel kaz ta' *misconduct* kien fis-snin 2003 (*letter of warning* 28 t'Ottubru 2003) Dok DP1 u DP2.

It-tieni procedura kontra l-attrici saret fi 2004 ghal *gross misconduct,* harget *letter of charge* fit-8 t'April 2004 (a fol. 225/226). Giet sospiza fl-1 ta' Marzu 2004. Perotti xhed illi in segwitu tas-sospenzjoni, kien akkompanja lill-attrici sal-karozza sabiex tikkonsenja xi erba' jew hames *files*. Mistoqsija kellhiex *files* d-dar wiegbet fin-negattiv. (a fol. 902)

F'dawn il-proceduri, l-attrici talbet li tinghata access ghal-*files*. Perotti sostna li kienu dahhlu il-prassi li l-kaz jinstema minghajr xhieda viva voce.

Kien sar appell u din id-decizjoni rrevokat d-*down grading* moghtija mill-Bord tal-prim' istanza.

Il-bank kien offra lill-attrici il-post ta' *Premier Relationship Manager*, fl-istess grad li kellha qabel, izda l-attrici harget on *sick leave*. Perotti jinnega li kien hemm indhil mill-Bord.

**Mary Louise Agius a fol. 907 et seq** xhedet illi kienet *Head of Diversity, Learning and Development* mal-HSBC b'sebgha u tletin sena esperjenza. Hija kienet taf lill-attrici meta giet nominata membru tal-Bord tal-Appell. Innegat li kien hemm xi forma ta' ndhil anzi sostniet illi rreducew l-att ta' dixxiplina tal-attrici.

**David Perotti a fol. 910 et seq xhed illi ghalkemm bejn il-kaz ta' Michelle Aquilina Stenmore (fejn d-difiza thalliet tipproduci xhieda) u l-kaz tal-attrici ghaddew biss xi xhur, il-procedura kienet inbdiet.**

**Perotti sostna illi minhabba li fil-*Collective Agreement* ma kienx hemm obbligu dwar produzzjoni ta' xhieda, ma dehrlux li kellhom javzaw lil MUBE.**

**Vincent Fenech a fol. 920** jinnega li qatt uza l-kelma "qahba" fil-konfront tal-attrici. Ikkonferma li kien cemplillu Stephan Pandolfino biex jitla jkellem lil Philip Mercieca fil-prezenza ta' Parrish u hu (Vincent Fenech) cahad l-allegazzjoni. Vincent Fenech xhed li hu kien qal il-kliem "qahbec" u mhux "qahba" u li dak il-hin Abela ma kienitx prezenti fil-*branch* ( a fol. 921).

**A fol. 933 Perotti xhed illi William Portelli seta' qal il-kliem *"jekk din hija procedura gdida kif il-Union ma tafx biha."***

**Elisabeth Vella a fol. 937** ikkonfermat Dok. Dok RC1 skambju t'emails datati 23 ta' Frar 2004. Hija xhedet illi kienet ghamlet r-*referral* (Crispin Spiteri) lill Charles Pace u James Dunbar Cousin u xi tlett gimghat wara Crispin Spiteri kien gibed il-flus.

**Sharon Sladden a fol. 940 xhedet li hija kienet tghaddi l-ilmenti lis-*Senior Manager* tal-*Private Clients* <u>pero ma setghatx tiftakar kienx hemm ilment minn Anthony u Maria Formosa.</u>**

**Geoffrey Decelis a fol. 957 et seq. in kontro-ezami** kkonferma Dok. JF a fol. 438 u xhed illi huwa kien *Audit Manger* f'*group audit* u ha sehem fl-investigazzjoni mmexxija minn Fenech. Huwa ikkonferma illi kienu nstabu xi *files* tal-klijenti fil-karozza u fid-dar tal-attrici **u li f'kaz wiehed, ma instabitx kopja tal-karta tal-identita', waqt li f'kaz iehor, il- karta tal-identita' kienet cara wisq.**

Huwa sostna li kien hemm nuqqasijiet fil-*confidential questionnaire* u fir-*recomendation letter*. Huwa sostna illi fil-perjodu li l-attrici kienet taht supervizjoni, kien jehtiegilha l-firma ta' min kien qed jaghmel is-supervizjoni. Huwa sostna illi

f'kaz ta' investiment *Execution only*, dan jirrikiedi li l-klijent jigi spjegat lilu punt, punt, dak li jkun hemm fuq il-formula, u jehtieg illi l-*Manager* tal-PCM jiffirma wkoll.

L-investigazzjoni saret fuq ix-xoghol *in progress* tal-attrici u cioe; l-kontenut tal-*filing* fil-*cabinet* taghha.

Geoffrey Decelis a fol. 978 et seq. kkonferma l-investigazzjoni fuq l-attrici ma kienitx biss fuq ix-xoghol in progress jew il-*files* pendenti izda fuq x-xoghol kollu li kien hemm fil-*filing cabinet* taghha.

**Mitlub jaghti percentagg ta' dawk l-infrazzjonijiet gravi u dawk li kienu lieti fir-rapport a fol. 438 <u>Decelis ma setghax jirrispondi</u>.**

**Decelis ammetta li la x-xoghol kien pendenti, l-formuli ma setghux jkunu kompjuti (a fol. 979)**

Decelis sostna li hu ma kellimx lil Juliette Attard jew Crispin Spiteri. **Lanqas seta' jiftakar jekk il-bank informax lil membri tal-*audit team* responsabbli bil-kwistjoni tal-attrici, <u>li l-PCMs kienu awtorizzati jiehdu l-*files* tal-klijenti d-dar</u>.**

**Lanqas seta' jiftakar jekk il-bank soffriex xi hsara mill-agir tal-attrici.**

Wara li hu u Joseph Fenech ghamlu r-rapport, **ma kienx ha aktar sehem fil-proceduri ta'dixxiplina** u **lanqas xhed** f'dawk il-proceduri.

Decelis **ma setghax jiftakar jekk Parrish u Cassidy kienux innotaw xi nuqqasijiet** fl-attrici u ma ftakarx jekk kienux **jsiru xi *spot checks* jew xi *raised exceptions*** fl-ahhar audit. Huwa xhed illi kkonncentraw fuq il-kaz tal-attrici (a fol. 981).

**A fol. 983 et seq, Dr. Azzopardi xhed in kontro-ezami** illi meta fix-xhieda tieghu semma l-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell u Dipartiment tal-*Human Resources* u *Internal Audit*, kien qieghed jirreferi ghal HSBC Malta Bank plc.

Meta tkellem fuq imparzjalita', ried ifisser li l-persuna li tkun partecipa fid-decizjoni *to prosecute*, ma tippartecipax bhala *Chairperson* tal-Bord tal-Appell (Martin Wilkins). Dr. Azzopardi xhed illi huwa kien ddefenda impjegati ohra tal-bank certu Michelle Aquilina Stanmore u din thalliet tipproduci xhieda in difiza jew ghal-kontro-ezami.

Dr. Azzopardi xhed illi meta pprotesta u meta staqsa jekk dan kienx il-*British pattern* wiegbuh fl-affermativ. Dr. Azzopardi xhed illi t-tieni set ta' proceduri fegg wara li dehret, fil-maltastar, ilment mressaq kiolleggialment mill-PCMs, dwar *husband and wife relationship* ta' Cassidy u Parrish.

**Elizabeth Vella in kontro-ezami a fol. 988** xhedet illi hija kienet ghamlet r-*referral* ta' Crispin lil PCM ghaliex seta jgawdi minn prodott ahjar. Innegat illi hija ghamlet *referral* ghaliex semghatu jghid li ried jigbed il-flus minhabba r-rata baxxa ta' *return*. Hija sostniet li kien hemm dewmien u li kien ghalhekk li rraportat lil branch.

Vella xhedet illi Crispin ma ghamel ebda ilment formali **sempliciment ghadda kumment** (a fol. 991).

**A fol. 994 A et seq, John Hackett in kontro-ezami** xhed illi d-decizjoni biex l-attrici **tigi sospiza kienet rakomandazzjoni tieghu, ta' Wilkins u Davies u saret fil-prezenza ta' Dominic Lewis.**

Mistoqsi jekk gewx prodotti xhieda fil-proceduri ta' dixxiplina tal-prim istanza, Hackett xhed illi huwa ma ppartecipax f'dawk il-proceduri. Mitlub jghid jekk kkomunikax mal-Bord barra mill-proceduri, huwa xhed li kien ntervistat bhala xhud izda ma tkellimx mal-Bord barra mill-proceduri.

Muri Dok. Numru 3 *brown file memo* mibghut lil David Perotti tat-3 ta' Frar 2003, Hackett xhed illi kien ntervistat bhala xhud regward il-proceduri tal-Bord. B'referenza ghal Dok No. 2 datat 16 ta'Gunju 2004 u 17 ta' Gunju 2004, Hackett xhed illi ma kellux dan id-dokument f'idejh u li dak li seta jiftakar kien, li l-Bord kien staqsewh mistoqsijiet dwar il-proceduri dipartimentali (a fol. 994H).

Hackett xhed illi ma kellu ebda sehem fil-formulazzjoni tal-proceduri dixxiplinari tal-attrici u li dawn kienu simili ghal dawk fl-Ingilterra u cioe' assitenza legali u intervista individwali (a fol. 994M).

Hackett xhed illi meta wasal Malta, ma kienx jaf li kien hemm relazzjoni hazina bejn Cassidy u l-attrici. Pero kif l-investigazzjoni pprogressat, l-attrici bdiet taghti x'tifhem li dan kien il-kaz.

Hackett kkonferma **li d-decizjoni ta' sospenzjoni tal-attrici ttiehed minnu, flimkien ma Martin Wilkins , Christine Davies.**

Hackett xhed illi Wilkins kien *Chairman* fuq il-Bord tal-Appell ghaliex kien jokkupa grad gholi hafna kif kien jokkupa Holiston pero' dan tal-ahhar kien indispost.

Hackett kkonferma li s-sospenzjoni saret f'Marzu, wara l-ewwel ilment li kien il-*catalyst* ghal affarijiet ohra. (994Z3)

Xhed illi sab li min xi erbghin *referrals*, ghoxrin *file* ma kienx fl-ufficcju u li din kienet haga inkwetanti hafna.

Hackett kkonferma illi kull PCM ghandu xoghol pendenti u dan jkun xoghol mhux kompletat. Mitlub jghid jekk kienx nesa illi l-PCM kellu awtorizzazzjoni jiehu *file* id-dar, Hackett xhed illi kien ghamilha cara **il-gurnata wara l-ilment,** li *files* jittiehdu d-dar biss jekk kien ser jkun hemm laqgha ghal klijent l-ghada.

Hackett xhed illi Krispin Spiteri ma kienx kuntent bir-rata ta'interessi tal-Bank. Regward Formosa, l-problema kienet dwar d-dokumentazzjoni fejn tikkoncerna Maria Formosa li skond zewgha ma kienet giet qatt il-Bank u skond l-attrici kient attendiet.

**Duncan Triganza a fol. 1015 et seq**. **in kontro-ezami** xhed illi meta sab illi l-formolarju tat-transazzjoni *execution only* ma kienx kompletat, huwa rrifjuta t-transazzjoni.

**Mitlub jghid jekk din is-sitwazzjoni setghatx tigi rimedjata billi ssejjah l-klijent l-ghada, Triganza wiegeb fl-affermattiv.**

Mitlub jghid ghaliex ma nformax lill-attrici minflok ma rraportaha lis-superjuri tieghu, Triganza xhed illi din kienet *"the right thing to do"(*a fol. 1017).

**Triganza sostna li ma kienx jaf bl-ilment tal-PCMs dwar Parrish u Cassidy.**

**Fl-ahhar kontro-ezami tieghu a fol 1019 et seq Hackett** xhed illi huwa rtira mill-impjieg tieghu ma HSBC fi Frar 2006. Hackett kkonferma li tul l-investigazzjoni, l-attrici kienet koncernata u kommossa, kienet anzjuza minhabba l-incertezza u d-durata tal-investigazzjoni tant illi nformatu li kienet sejra tkellem lit-tabib u hu prova mill-ahjar biex jserhilha rasha.

Ikkonferma li l-attrici qaltlu li l-Bank kellu jezamina x-xoghol komplet taghha apparti dak li kien pendenti. Ikkonferma ukoll ill l-attrici ilmentat li l-Bank ma kienx qeed jaghmel ezami komparattiv max-xoghol pendenti tal-kollegi PCMs taghha.

Huwa qal illi minkejja li l-attrici ma ghamlitx akkuzi specifici illi Cassidy kienet dejjem tardiva meta si tratta tal-*files* taghha, Hackett sostna illi kienet tghaddi kummenti dwar Cassidy.

Hackett xhed illi l-attrici kienet taspira ghal titjib fil-karriera taghha, Huwa xhed illi fl-ewwel laqgha maghha kellu l-impressjoni tajba fuqu.

**Dr. Peter Muscat** fix-xhieda tieghu qal li l-attrici kienet giet ghandu ghal konsultazzjoni; kienet mhassba, hassitha "*bullied*" u identifikata bhala "*scape goat*" b'resultat li *self esteem* taghha tfarrak u bdew jaqbuha *panic attacks* fil-pubbliku. Hassitha mdejqa u anzjuza u ghalhekk preskrivilha xi medicinali. Dr. Muscat xhed illi l-attrici hasset li intergrita u dinjita taghha kienu imminati. Huwa ezebixxa ic-certifikati minnu rilaxxati Dok. PM1 u PM2 li kopja taghhom jinstabu a fol. 1242/3 u ikkonferma l-istess certifikati bil-gurament tieghu a fol 1236 et seq.

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta mill-kontendenti jirrizulta s-segwenti fatti:

1. Illi Johanna Abela kienet *Private Client Manager* f'*Wealth Management* mal-HSBC, awtorizzata mill-HSBC biex tgahti pariri fuq investituri lil klijenti privati tal-Bank b'hamsa u ghoxrin sena t'esperjenza bankarja;

2. Illi l-attrici inghatat *warning* ghal *misconduct* tat-28 t'Ottubru 2003 – Vide xhieda David Perotti a fol. 901;

3. Illi fl-1 t'Awwisu 2003, l-attrici flimkien mal-kollegi kollha taghha PCMs ghamlu lment mal-*Human Resources* fi hdan l-HSBC dwar *husband and wife relationship* u l-ilment gie u l-ilment gie ufficjalment komunikat lill MUBE, Dok TA a fol. 253;

4. Fl-ahhar ta' Marzu bidu t'April 2004, Clive Parrish u Cassidy ma baqghux jahdmu mal-HSBC f'Malta;

5. Fl-1 ta' Frar 2004 wasal Malta Hackett biex ssostitwixxa lil Clive Parrish.

6. Fil-1 ta' Marzu 2004 l-attrici giet sospiza, fit-8 t'April 2004 inharget *letter of charge* kontra l-attrici, a fol. 255;

7. L-investigazzjoni twettqet minn *internal audit* kompost minn Joseph Fenech u Decelis fuq il-*files* pendenti u *incomplete* tal-attrici u pprezentaw r-rapport taghhom fl-ahhar ta' Marzu 2004;

8. La Joseph Fenech wisq anqas Decelis qatt ma hadmu bhala PCM jew kienu mharrga jew awtorizzati biex jaghmlu dan ix-xoghol wisq anqas biex jezaminaw l-operat ta' PCM;

9. L-intervisti tal-klijenti saru minn Pauline Grech li ma kienitx awtorizzata biex tahdem bhala PCM kif ukoll minn Hackett, Cassidy u Parrish li kellhom din l-awtorizzazzjoni;

10. L-investigazzjoni u l-*internal audit* saret fuq *incomplete files* cioe' *incomplete investments* – **Dan kien l-ewwel *audit* li qatt sar fuq PCM ta' *incomplete files* / investimenti minflok fuq *completed files***;

11. Illi n-nuqqasijiet identifikati fl-*internal audit* spjegat minn Fenech u Decelis kienu jirrispekkjaw; nuqqas ta' fotokopja tal-karta tal-identita'; fotokopja cara u sfokata tal-karta tal-identita'; *files* tal-klijenti fil-karozza tal-attrici; u files tal-klijenti fid-dar tal-attrici;

12. Il-*manual* tal-procedura dwar *incomplete files* jew *files* pendenti u l-*istandards* rikjesti ghall-istess, gie formulat mill-Bank **wara l-*internal audit* u l-investigazzjoni tal-attrici**;

13. Illi sad-data tal-investigazzjoni tal-attrici, l-PCMs kienu awtorizzati li jiehdu *files* d-dar sabiex jkomplu jahdmu fuqhom u sabiex jkun f'idejhom ghal laqghat mal-klijenti f'postijiet barra mill-Bank;

14. L-ilmenti allegati maghmula minn Anthony Formosa u Crispin Spiteri gew respinti fl-interita' taghhom mill-istess Formosa u Spiteri fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti;

15. Maria Formosa ma gietx prodotta bhala xhud f'dawn il-proceduri jew fil-proceduri dixxiplinari jew fl-investigazzjoni;

16. L-irwol ta' Triganza fil-"*follow up*" tal-klijenta Attard jitfa' dawl xejn lodevoli fuq l-operat tieghu ;

17. Il-Bord tad-dixxiplina cahad t-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda mill-attrici;

18. Ebda *completed file* tal-attrici ma gie ezaminat minkejja li dan gie mitlub mill-attrici;

19. Ebda ezami komparattiv fuq *incomplete files* tal-kollegi PCMs tal-attrici ma twettaq, minkejja li dan gie mitlub mill-attrici;

20. Id-decizjoni ghas-sospenzjoni tal-attrici qabel l-gheluq tal-investigazzjoni u l-procedura dixxiplinari ma kienitx wahda normalment adottata mill-Bank;

21. Quddiem l-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll quddiem l-Appell, l-attrici u l-avukat taghha ma thallewx jaghmlu kontro-ezami jew ressqu xhieda viva voce;

22. Ic-Chairman tal-Bord Martin Wilkons kien ppartecipa fid-decizjoni tas-sospenzjoni tal-attrici – Vide xhieda ta' Hackett a fol. 994 et seq ;

23. Perotti u Lewis mill-*Human Resources* kienu prezenti waqt id-deliberazzjoni tal-Bord tad-dixxiplina;

24. Joseph Fenech responsabbli ghall-*internal audit* kellem lil Hackett waqt li kien qed jsir l-*internal audit*;

25. Il-membri tal-Bord u tal-Bord tal-Appell kienu kollha impjegati tal-Bank HSBC;

26. Il-Bord tad-Dixxiplina sab illi l-attrici hatja ta' kaz ta'Joseph Ellul li ma kienx indikat fic-*charge sheet*;

27. Hackett, Parrish u Cassidy ma xhedux fil-proceduri dixxiplinari tal-attrici;

28. Il-Bank informa lil MFSA dwar akkuzi dixxiplinari tal-attirici kif obbligat.

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza odjerna kienet intavolata minn cittadin privat cioe' l-attrici Johanna Abela (li llum ghaddiet ghal hajja ohra), u tikkoncerna relazzjonijiet bejnha bhala impjegata, mal-Bank intimat bhala *employer* taghha fis-settur privat.

Il-Qorti tippreciza ukoll f'dan l-istadju illi skond il-Ftehim Kollettiv 2003/2004 li jorbot lil kontendenti, l-konkluzjonijiet jew decizjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell, kienu bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-impjegat skond il-ligi.[1]

[1] Vide fol. 67 Klawzola 27h(ii) tal-Ftehim Kollettiv ezebit bhala Dok. A a fol. 27.

Minn dan jsegwi illi waqt illi bhala *employer* l-Bank intimat ried jsegwi id-dettami tal-Ftehim Kollettiv mal-impjegati tieghu, d-drittijiet tal-impjegati jibqghu impregudikati u impjegat jista' jipprocedi ulterjorment quddiem it-Tribunal Industrijali jew quddiem il-Qrati Maltin.

Jidher illi l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq dritt tas-smiegh xieraq fi proceduri dixxiplinari bejn l-*employer* tar-rikorrenti li huwa bank kummercjali u l-attrici qua impjegata fi hdan l-istess bank kummercjali.

Il-Qorti tibda biex tippreciza fejn si tratta tal-ilment ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali, huwa mifhum li l-kontro-parti jkun il-Gvern, korporazzjoni jew entita' governattiva jew awtorita' pubblika. Fejn si tratta ta' ilment dwar dritt ta' smiegh xieraq wiehed ghalhekk jistenna li l-kontro-parti jkun il-Gvern 'l ghaliex l-organizzazzjoni tas-sistema legali u gudizzjarja huwa kompitu tal-Istat, u huwa l-Istat li ghandu l-obbligu versu r-rikorrenti li jpoggi fis-sehh sistema gudizzjarja li tiggarantixxi u tipprotegi id-dritt tac-cittadin ghal smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli.

Ghalhekk fil-kaz ta' proceduri gudizzjarji lezivi tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali, huwa l-Istat u mhux ic-cittadin li ghandu jirrispondi, galadarba huwa principalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tac-cittadin privat, li jassigura li d-drittijiet ta' parti f'kawza ma jinkissrux.[2]

Il-Qorti tifhem ukoll illi d-dritt tal-impjegat ghall-smiegh xieraq f'kawzi t'indoli kostituzzjonali jew quddiem Tribunal huwa dritt ampju li jhaddan diversi kriterji fosthom *audi alteram partem*, *nemo judex in causa propria*. dritt t'access ghal-Qrati, dritt ghall-*equality of arms;*dritt ta' produzzjoni ekwa tax-xhieda, dritt ghal kontro-ezami u dritt ghal sentenza raggionata u motivata fi zmien ragionevoli, dritt ghall-assistenza legali, dritt ghall-interpretu, fost ohrajn.

---

[2]**Sean Bradshaw et vs L-Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali** deciza fis-6 ta' Frar 2015; **Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar et**, Qorti Kostituzzjonali deciza fil-24 ta' Frar 2012; **Philip Grech et noe vs Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, Qorti Kostituzzjonali deciza fis-7 ta' Dicembru 2010.

In partikolari l-principju *'audi alteram partem'* huwa principju kardinali mixhut fuq kull min gie moghni b'poter li jiddeciedi. L-awtur **S.A. de Smith** fil-ktieb *"Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd. Edition)* jghid a pagna 564, li dan il-principju:

> ***"[is] the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case."***

Fil-kawza famuza Ingliza **Ridge v. Baldwin**, deciza mill-***House of Lords*** fl-1964, intqal li d-dritt ghal smigh xieraq "***is a rule of universal application*",** u Lord Loreburn, fil-kawza **Board of Education v. Rice**, deciza wkoll mill-***House of Lords* fl-1911**, kien qal li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost **"*upon every one who decides anything*".**

Fis-sentenza **Sammut v.Bell McCance**, deciza fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol.XXXII.II.350), il-Qorti osservat hekk fuq din ir-regola:

> ***"Ir-regola 'audi alteram partem' ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzjoni li jaghmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola 'audi alteram partem' taghti lok ghas-sindikat tal-Qorti ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar inkonsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola 'audi alteram partem' hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli 'per impliciter' billi jinghad illi kien hemm akkwijixxjenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola."***

Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita` ta' sentenza m'ghandhiex tigi akkolta jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjusa li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. Lord Wright fil-kawza Ingliza, **General Medical Council v. Spackman**, deciza mill-*House of Lords* fl-1943, osserva:

> ***"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."***

L-awturi **Wade & Forsyth** fil-ktieb "*Administrative Law*" (7th Edit. pagna 494) josservaw:

> ***"The courts took their stand several centuries ago on the broad principle that bodies entrusted with legal power could not validly exercise it without first hearing the person who is going to suffer. This principle was applied very widely to administrative as well as to judicial acts, and to the acts of individual ministers and officials as well as to the acts of collective bodies such as justices and committees. Even where an order or determination is unchallengeable as regards its substance, the court can at least control the preliminary procedure so as to require fair consideration of both sides of the case. Thus the law makes its contribution to good administration."***

In fatti fil-ktieb "*Administrative Law*" (H.W.R Wade & C.F. Forsyth, 10th Edit. Pagna 428), jinghad:

> ***"...a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which***

> ***is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them." ... Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly included in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing'."***

Intqal ukoll illi fir-regward tal-principju *audi alteram* partem illi:

> ***"The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual"***[3]

In fatti hemm skorta shiha ta' gurisprudenza li tafferma il-principji tal-gustizzja naturali fejn si tratta Bordijiet jew Tribunali Aministrattivi[4]

---

[3] ***L'Alliance des Professeurs Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec*** (1953) li, ***Bonaker vs Evans*** (1850) 16 Q.B. 162

[4] Vide **Cachia Faerne vs Segretarju Permanenti et** , Prim Awla per Imhallef Dr. T. Mallia– deciza fl-20 ta' Ottubru 2005; **Gonzi vs Malta Drydocks Corporation et** , Prim Awla deciza fis-27 ta' Ottubru 2004; **Tabone et vs Avukat Generali** il-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Lulju 2000; **Sammut vs Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar 1993; P**aul Borg vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku** Appell Civili deciz fit-28 ta' Settembru 2012; **Carmelo Schembri vs Enemalta Corporation** Appell Inferjuri deciz fl-1 ta' Novembru 2006; **Joseph Izzo vs Oliver Galea** deciza fit-28 ta' Jannar 2008; **Janice Xerri vs Mrs. Jones** deciza fit-23 t'Ottubru 2009; **Emanuel Caruana vs Elaine Cachia** deciza fit-22 ta' Novembru 1996 Appell Civili ; **Josephine Magro vs Mondial Holidays** deciza fit-28 ta' Marzu 2007; **George Attard Attard vs Mary Jane Portelli** deciza fl-14 ta' Lulju 2004; **Untours Insurance vs Maria Lourdes Gauci** deciza fl-10 ta' Lulju 2003.

Proceduri quddiem Bord tad-Dixxiplina f'kamp civili jew kummercjali li ma jikkoncenrax tkeccija, **huma kondotti pero' bi proceduri ferm anqas rigoruzi.**

Fi process dixxiplinarju fejn mhux koncernat jew involut il-Gvern, Korporazzjonijiet jew Awtoritajiet Pubblici, **Norman Selwyn** jispjega fil-ktieb *Law of Emplomyent*[5] illi r-rekwiziti fi process dixxiplinarju:

> ***"It is important that internal appeals procedures operated by commercial concerns should not be cramped by legal requirements that impose imposibble burdens on the way they conduct their affairs... The employer is not obliged to hold a full scale trial, but there must be a careful examination of all relevant matters"***
>
> ***"a) The employee is entitled to know the nature of the charges against him in sufficient detail to enable him to prepare his case (Hutchins vs British Railway Board);***
>
> ***b) An employee should always be given an opportunity to state his case (Tesco (Holdings) Limited vs Hill) no matter what the circumstances are;***
>
> ***c) He should be permitted the right to be represented or accompanied in accordance with procedure (Rank Xerok (UK) Limited vs Goodchild)***
>
> ***d) He should be informed of his right to appeal to a higher level of management, who have not previously been involved in the decision (S.C. Brown Communications Limited vs Walker) or to an independent arbitrator.***[6]

**Selwyn** jiccita lil Lord Denning f'**Ward vs Bradford Corp**:

---

[5] 16th Edition a fol. 372
[6] Selwyn's Law of employment 16 th Edition a fol. 377 - 379

> ***"We must not force these discipnary bodies to become entramelled in the nets of legal procedure. So long as they act fairly and justly their decisions should be supported."*** [7]

Dan gie affermat mill-Qrati taghna li rritenew illi:

> ***"Huwa stabbilit ukoll illi procedimenti dixxiplinari dwar impjegati huma setgha u perogativa ta' min ihaddem u huwa mistenni ukoll li l-imsemmija proceduri ma jitqabblux ma dawk ta' tribunal jew Qorti. Inghad li fejn min ihaddem ikun intrabat "li jsegwi certa procedura," ir-rikorrenti jista' jivvanta xi lment jekk jsostni li dak li gie konkordat bejn il-Union li trraprezentah u l-employer f'Collective Agreement u li jaghtih certi drittijiet ma jkunx qed jigi skruplozament osservat" u li "r-rikorrenrti m'ghandux f'dan l-istadju d-dritt li jigi invesstigat minn Tribunal imparzjali, indipendenti in kwawntu dan jista' jezigih bi dritt <u>biss</u> quddiem t-Tribunal Industrijali."*** [8] (Emfasi mizjuda)

Dwar d-dritt ta' rappresentanza legali **Selwyn** rretiena illi :

> ***"As a general principle ERA S.10 does not confer the right to legal representation at a disciplinary or grievance hearing unless there is a provision in the contract of employment or disciplinary procedure that provides for this or the employer permits this on an "ad hoc" basis… However if the consequences of the disciplinary hearing would have a serious impact upon the employee's working life, or possibly expose***

---

[7] Selwyn Op. Cit. a fol. 382/383

[8] Vide **Fredrick Attard vs Malta International Airport plc et** PA deciz fil-21 ta' Mejju 2012 li jiccita **Avukat Reno Borg vs Joseph N Tabone et noe** PA per Mhallef Dr. Joseph Said Pullicino deciza fil-11 ta' Gunju 1991

> ***him to criminal charges, the Court are leaning to the view he is entitled to have legal representation if he so wishes."***[9]

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, l-Qorti tifhem illi fil-proceduri dixxiplinari eskluz it-tkeccija tal-impjegat mill-post tax-xoghol,[10] l-impjegat ghandu dritt ghal process minn Bord tad-Dixxiplina li jagixxi "***fairly and justly"***[11]**,** u li ***"What must be avoided therefore is the overt expression of bias or other indications that a decision has been reached before the evidence is heard."*** Vide **Modern Employment Law 7th Edition Winrup 1991** fol 157 et seq.

**Ikkonsidrat**:

Il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk l-attrici Johanna Abela inghatatx, waqt il-proceduri ta' dixxiplina, *hearing* li kien *fair and just* u mehlus minn *bias* jew indikazzjoni li d-decizjoni kienet gia ttiehdet qabel ma instemghat ix-xhieda.

Dan l-ezami ser jitfassal fuq l-ilmenti mressqa mill-attrici fir-rikors promotorju indikati b'numri wiehed sa tnax kif amplifikati fin-nota t'osservazzjonijiet tal-attrici, u fit-trattazzjoni finali, riskontrati bl-eccezzjonijiet tal-Bank intimat kif imfissra ulterjorment fin-noti responsivi u trattazzjoni finali.

**Ikkonsidrat**:

L-ewwel ilment tal-attrici jirrigwarda document prodott fil-proceduri ta' dixxiplina. Dan id-dokument kien *attachment* C mal-*letter of charge*.

Il-Qorti tqis illi dan l-ilment seta kellu piz konsiderevoli kieku sehh fil-mori tal-proceduri kriminali quddiem il-Qrati taghna. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata, din il-lanjanza mhix sostenibbli fir-rigward ta' gbir ta' provi quddiem Bord ta'

---

[9] Selwyn a fol. 380 (Ref 12.25)
[10] F'kaz ta' proceduri li wasslu ghat-tkeccija tal-impjegat is-sitwazzjoni hija nettament diversa – **Matthew Azzopardi vs Maltcom p.l.c** deciza fil-11 t'Awwissu 2010 Qorti Kostituzzjonali
[11] Ward vs Bradford citat f'**Rowe vs Radio Rentals** 1982 kif ukoll kuncett ta' *fairness* fis-sentenza **Antoinette Vella vs CareMalta Limited**

Dixxiplina. Di piu' waqt l-istess proceduri John Hackett ha responsabilita' ta' dan d-dokument u ffirmah.

It-tieni ilment tal-attrici hu sens li l-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami tal-persuni li fornew provi kontra taghha permezz ta' stqarrijiet.

Dan l-ilment ser jigi ezaminat flimkien ma l-ilment numru tlieta, li jikkoncerna ic-cahda ta' produzzjoni ta' xhieda in difiza u ilment numru sebgha, li jikkoncerna cahda ghal produzzjoni tal-*completed files* tal-attrici.

Il-Qorti taghmel referenza ghal **Santemera vs Express Cargo Forwarding** deciz mill-*Employment Appeal Tribunal* (EAT)[12] fejn gie ritenut li ma kien hemm ebda

> ***"universal requirement of natural justice or general principles of law that in all cases a witness statement must be shown to an employee who has been accused of misconducted … There may be occasions where it is necessary to preserve anoymity There is no rule of Law which requires an employer to permit an employee to cross examine during a disciplinary hearing collegueges who have made allegation of misconduct by the employee. The employer must carry out a reasonable investigation into the alleged wrong doing, not carry out a forensic or quasi judicial investigation."***[13]

Fil-kaz in ezami pero, minkejja illi d-dritt ta' kontro-ezami ma kienx espressament indikat fil-*Collective Agreement* 2003/2004, **kienet il-prattika kostanti tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Bank intimat li tisma' x-xhieda viva voce u tippermetti li jsir kontro-ezami**. In fatti hekk kien sar fil-kaz antecedent ghal dak tal-attrici. Il-bank intimat jirribatti illi hu ma kienx tenut illi jipermetti kontro-ezami ta' xhieda skond il-ftehim kollettiv u li wara il-kaz ta' Aquilina Stanmore, il-Bank kien ddecieda unilateralment li biddel il-proceduri u ma informax b'dan lil MUBE.

---

[12] [2003] IRLR 273, [2002] ALL ER (D) 379 (nov) EAT
[13] Selwyn page 378

Jirrizulta mix-xhieda ta' William Portelli illi kien hemm kaz wiehed biss bejn dak ta' Aquilina Stanmore u tal-attrici fejn, **bi qbil mal-Bank**, kien gie deciz li ma jsirx kontro-ezami. L-istess Portelli kkonferma li fil-kaz tal-attrici ma kienx hemm qbil mal-bank li donnu hadha bhala prassi u bhala regola generali li ma jressaqx provi viva voce.

Il-Bank jirribatti ukoll illi ma kienx minnu illi l-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami ghaliex kellha il-fakolta' li tnizzel bil-miktub l-ilmenti kollha li kellha.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tippreciza illi c-*charges* migjuba kontra l-attrici ta' *gross misconduct* li skond klawsola 27(g) tal-Ftehim Kollettiv[14] setghu wasslu ghal tkeccija tal-attrici mill-post tax-xoghol,u dana minkejja li l-akkuzi, fihom innifishom, kienu fil-fatt anqas onoruzi mill-ewwel akkuzi migjuba kontra l-attrici f'2003[15], izda hadu xejra ferm aktar gravi u tant li gew klassifikati bhala *gross misconduct* minhabba l-akkuza precedenti.

Lanqas ma huwa precizament korrett dak ritenut mill-Bank li ma kienx minnu illi l-attrici ma thallietx taghmel kontro-ezami 'l ghaliex kellha l-fakolta' li tnizzel bil-miktub l-ilmenti kollha taghha. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex kif jidher mill-ittra tal-24 ta' Gunju 2004, Dok DP1, a fol. 315 , il-Bank intimat informa lill-attrici is-segwenti:

> ***"Should Johanna hava any points of clarification which she wishes to make with any individuals, she should raise her points with the disciplinary board, and should they believe that the matters raised are material to the case as outlined in the letter of charge, then the disciplinary board will seek any necessary clarification directly from the employees in the form of a written decleration.".***

---

[14] Vide fol. 38 tal-Ftehim Kollettiv li jinsab a fol. 65 tal-process
[15] Vide xhieda ta' Hackett a fol. 886 para 2.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis il-bidla daqstant radikali fil-proceduri normalment addottati mill-Bord tad-Dixxiplina, fid-dawl ta' nuqqas ta' ftehim mal-MUBE fuq l-istess, fid-dawl ta' dan il-bdil sar fil-mori tal-proceduri dixxiplinari, mehud in konsiderazzjoni il-gravita ta' akkuza ta' *gross misconduct*, il-Qorti mhijiex perswaza li l-proceduri ta' dixxiplina kienu ***just and fair***.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment tal-attrici li kemm qabel, kif ukoll waqt il-proceduri ta' dixxiplina, l-access ghal *files* mitlub mill-attrici gie michud cioe' lanjanza numru sebgha.

Dan l-ilment jirrigwarda c-cahda tal-Bank ghal-produzzjoni tal-*completed files* jew *completed investments* tal-attrici. Hija kienet sostniet u din il-Qorti taqbel pienament illi ezami ta' *incomplete files* minnu nnifsu bil-fors ser jikkontieni xoghol li mhux lest, xoghol li jonqsu xi dokumentazzjoni jew jirrikjedi xi informazzjoni ulterjuri. L-attrici dehrilha illi sabiex jsir ezami objettiv fuq x-xoghol tal-attrici, l-bank kellu jezamina ukoll (jekk mhux unikament) il-*completed files* taghha. Ma dan, l-attrici kienet tallbet ukoll li almenu jsir ezami komparattiv ta' *incomplete files* taghha mal-*incomplete files* tal-kollegi taghha il-PCMs. Eppure l-Bank cahad t-talba ghal-produzzjoni tal-*completed files* tal-attrici kif ukoll ghal *incomplete files* tal-kollegi taghha PCMs.

Maghdud ma dan, hemm it-thassib serju tal-Qorti li kas ta' *gross misconduct* ingab kontra l-attrici fuq ***incomplete files*** – cioe' investimenti mhux konkluzi. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex skond ix-xhieda tal-kollegi PCMs tal-attrici, l-bank **qatt qabel** ma kien ezegwixxa *spot checks* jew *raised exceptions* fuq *incomplete files,* wisq anqas investigazzjoni jew *internal audit* fuq l-istess [16] *incomplete files*.

Meta imbaghad dan l-agir tal-Bank jigi abbinat (1) max-xhieda ta' **John Sammut Head of Compliance li asserixxa car u tond li skrutinju ghal-*compliance* irid isir fuq il-*file* maghluq u cioe' fejn l-investiment gie konkluz** (a fol. 292/3); (2) max-xhieda ta' Christian Debono PCM a fol. 872 et seq li kkonferma li l-awditur tal-Bank wisq anqas tal-MFSA qatt ma ghamlu *audit* fuq l-*incomplete files* ta' PCM u li *audit*

[16] Vide Christian Debono a fol. 872 et seq u ta' Kevin Mifsud a fol. 876 et seq

issir fuq "***concluded business***"; u (3) mal-konferma ta' dana kollu Kevin Mifsud PCM a fol. 876, l-Qorti certament ma tistghax tkun konfortata li l-proceduri dixxiplinari kontra l-attrici, kienu *just and fair*, mehlusa minn kull dell li decizjoni kienet orkestrata u pregudikata.

Di piu' dak li jaghti f'ghajn u ma jaghtix dehra ta' *fair dealing*, huwa l-fatt li min kien apparentament kien qed jikkonduci l-*internal audit* u l-investigazzjoni, cioe' Fenech u Decelis fi dan il-*group audit* ma kienux mharrga bizzejed biex jaghmlu dan. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex Fenech u Decelis **ma kienux intizi fl-operat ta' PCMs,** qatt ma hadmu bhala tali u ma kienux awtorizzati mill-MFSA biex jaghmlu dan ix-xoghol u hadu sehem **passiv ghall-kollox** fl-intervisti li twettqu. Fir-realta' l-intervisti saru minn Hackett, Parrish, Cassidy u Pauline Grech. Pauline Grech, bhal Fenech u Decelis, ma kienitx PCM u ma kienitx awtorizzata mill-MFSA biex taghti pariri finanzjarji. Mitlub jipplaka dana kollu mal-investigazzjonijiet minnu mwettqa, Fenech **irrisponda li mexa mal-procedura.**

**Din il-Qorti tistaqsi xi procedura kienet din, jekk il-*manual* fuq *incomplete files* gie redatt wara l-kaz tal-attrici?**

Dana kollu ma jserrahx mohh il-gudikant illi l-proceduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kien "*just" and "fair"* u ma kienux *prejudged*.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment tal-attrici illi il-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell kienu indipendenti wisq anqas imparzjali. Dan l-ilment ser jigi trattat ma l-ilment numru hamsa, tmienja u ghaxra cioe l-prezenza ta' Lewis waqt d-deliberazzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina,[17]li Martin Wilkins, (Chairman tal-Bord tal-Appell) kien ppartecipa fid-decizjoni li jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attrici u li tigi sospiza;[18] li kien hemm laqghat bejn ufficcjali tal-Bank mal-ufficcjali tal-Bord ta' Dixxiplina fl-assenza tal-attrici barra mid-*disciplinary hearing*[19] .

Mill-gurisprudenza citata aktar l'fuq il-Qorti tqis illi f'azjenda kummercjali:

---

[17] Ilment numru hamsa
[18] Ilment numru tmineja
[19] Ilment numru ghaxra

> ***"… mhux principju stabbilit b'ligi jew gurisprudenza li l-principal hu tenut li jingagga persuna indipendenti biex tinvestiga kaz dixxiplinari li jista' jwassal ghal tkeccija. Kieku kellha tigi accettata t-tezi tar-rikorrenti ikun qed jinfetah bieb li fil-prattika mhux dejjem jaghmel sens. Skond it-tezi tar-rikorrenti jekk principal li ihaddem zewg impjegati jaqbad fil-fatt lil wiehed minn dawn iz-zewg impjegati jisraqqlu l-flus il-principal m'ghandux dritt jitlob spjega minn ghand l-impjegat u fin-nuqqas taghha jkeccih immedjatament, izda ghandu jhalli lill-impjegat fl-imjieg jingagga persuna indipendenti u imbaghad tkun dik il-persuna indipendenti li tiddeciedi x'isir. Il-ligi trid tipprotegi lill-impjegat li qieghed f'posizzjoni dghajfa izda ma jirrikjediex li tkeccija ssir wara investigazzjoni minn persuna jew persuni indipendenti proprju ghax fil-prattika dan jsir jkun ta' detriment ghal principal genwin. Kull kaz ghandu jigi valutat fuq il-mertu tieghu: il-principal ghandu dritt jisma' u jiddeciedi kaz ta' dixxiplina jekk ghal kwalunkwe raguni dan jiddeciedi hazin imbaghad hemm it-Tribunal Industrijali ghal biex jaghti rimedju. Huwa mbaghad it-Tribunal Industrijali li necessarjament ikun indipendenti u imparzjali."***

Applikati dawn il-principji u fuq l-iskorta tal-insenjament ta' Selwyn, jirrizulta b'modd ampju illi ma tistghax tirnexxi l-ewwel lanjanza tal-attrici ghal dak li jirrigwarda indipendenza il-Bord tad-Dixxiplina tal-Prim Istanza, wisq anqas l-ilment numru hamsa dwar il-prezenza ta' Dominic Lewis fil-proceduri dixxiplinari u l-ilment numru disgha' dwar inkontri t'ufficjal tal-bank mal-Bord fl-assenza tal-attrici. Huwa mifhum illi inkontri bejn ufficcjali ghola tal-Bank u Membri tal-Bord ta' Dixxiplina ma tantx jistghu jigu evitati f'*day to day running* tal-bank kummercjali.

Ghal dak pero li jirrigwarda l-**komposizzjoni** tal-Bord tal-Appell u l-imparzjalita' tieghu u cioe' t-tmien lanjanza tal-attrici, l-Qorti tqis illi din il-lanjanza treggi. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex skond r-raba' rekwizit ta Selwyn fuq citat, impjegat ghandu

jkun informat bi dritt tieghu ghall-appell, liema Bord t'Appell irid ikun kostitwit minn persuni fil-*level management* aktar gholi minn Bord tal-Prim Istanza, li **ma kienux involuti fid-decizjoni[20].**

**Hemm xhieda inkontestata illi Martin Wilkins kien gia involut fid-decizjoni ta' sospenzjoni tal-attrici u d-decizjoni li tigi investigata.[21]**

Ghaldaqstant il-modd kif kien kostitwiet l-Bord tal-Appell ma jilhaqx l-*istandard* stabbilit minn **Selwyn** u dana minkejja li l-Bank intimat jidher illi kellu l-hsieb li jinnomina lil Hollister bhala *Chairperson* tal-Bord tal-Appell, li pero' kien indispost. Fil-kaz in ezami l-*istandards* imfassla minn Selywn li fil-fehma tal-Qorti jilhqu bilanc gust bejn l-esigenzi t'azienda kummercjali u d-drittijiet tal-impjegat f'servizz privat, ma gewx osservati. Dan l-*istandard* seta' facilment jigi osservat fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-Bank, b'semplici nomina ta' ufficcjal gholi iehor tal-Bank intimat.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment numru sitta cioe' li l-Bord ta' Dixxiplina sab l-attrici hatja dwar il-kaz ta' John Ellul li ma kienx indikat fl-akkuza. Il-*letter of charge* mibghuta mill-Bank lill-attrici hija dik li tinsab a fol. 255.

Fin-noti t'osservazzjonijiet tieghu kif ukoll waqt t-trattazzzjoni finali l-Bank intimat jispjega illi *letter of charge* migjuba fil-konfront tal-attrici, kienet wahda redatta b'modd generiku li identifikat diversi nuqqasijiet fix-xoghol tal-attrici.

Ezami tal- *letter of charge* juri modd iehor. In fatti fil-*letter of charge* a fol. 255 jissemmew b'isimhom J. Attard (darbtejn) Messas C&J Cachia, C. Spiteri u Messas A&M Formosa f'charges numru (ii) u (iv). Anki hawn, il-Qorti ssib illi ma jistghax jigi konsiderat bhala *fair practice* sejbin ta' htija meta l-*letter of charge* ma tinkludiex tali *charge* u dan minkejja li dokumentazzjoni dwar l-ilment koncernanti Ellul seta' kien fir-*ring file* ta' dokumenti prodotti mill-Bank.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment numru ghaxra u cioe' li l-attrici ma thallietx tkun prezenti waqt l-intervista tax-xhieda.

[20] Selwyn Op cit a fol. 377- 379
[21] Vide xhieda ta' Hackett a fol. 887 dorso u 888

Huwa fatt inkontestat li waqt investigazzjoni, l-investigat mhuwiex mistenni li jkun presenti. Investigazzjoni minnha infisha tipprospetta indagni, li l-investigatur jaghmel flimkien jew permezz t'ufficcjal nkarigat, fl-assenza tas-suspettat. Illi minn dan l-aspett l-Qorti ma tarax illi din l-lanjanza hija sostenibbli.

Il-Qorti sejra tindirizza lanjanza numru tnax cioe' li l-Bank intimat kien mmalafama lill-attrici mal-MFSA meta nnotifikaha bil-proceduri ta'*gross misconduct* inizjat kontra l-attrici u d-decizjoni tal-Bord u dana bi ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza.

Il-Qorti tqis illi l-presunzjoni ta' innocenza huwa rekwizit ta' smiegh xieraq fi process kriminali quddiem il-Qrati tal-Gustizzja ta' dan il-pajjiz. Illi di piu' jirrizulta l-Bank huwa tenut li jinforma lil MFSA dwar kull kaz ta' dixxiplina inizjat kontra impjegat licenzjat mill-MFSA biex jaghti pariri fuq investimenti. Ghalhekk din il-lanjanza mhix sostenibbli.

Ghal dak li jirrigwarda l-ilment ta' *sexual harassement*, il-Qorti tqis illi ma kien hemm ebda ness kawzali bejn din il-lanjanza mat-talbiet tal-attrici, u minkejja dak li Marisa Vella xhedet b'kuragg kbir, jidher illi jista' jkun verosimili illi Vincent Fenech tkellem hazin u ma insulentax lill-attrici. Di piu' huwa diskutibbli ghall-ahhar, kemm-il darba l-aggettiv rapportat minn Vella jistghax jitqies bhala *sexual harassement.* Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax illi din il-lanjanza hija sostenibbli.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ilment numru hdax, cioe' li l-investigazzjoni giet mibdija b'retalazzjoni minn zewg superjuri tal-attrici *f'husband and wife relationship* wara li l-MUBE, f'isem il-PCMs kolleggjalment, pprotesta ghat-tmexxija taghhom fil-*Wealth Management*. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi voluminuzi f'dan il-kaz tqis li minkejja li jezistu indizji li jaghtu wiehed x'jifhem li l-investigazzjoni fuq l-attrici setghat inbdiet b'retalazzjoni ghall protest tal-PCMs kollegament intavolata mill-MUBE, **dawn jibqghu biss indizji li ma jilhqux il-livell probatorju rikjest fil-kamp civili.**

Il-Qorti tqis di piu', illi dak sottomess fin-nota ta'sottomissjonijiet tal-attrici, senjatament l-ahhar paragrafu ta' fol. 1035 u l-ewwel paragrafu ta' fol 1036, mhuwiex sorrett mill-provi u jibqa' f'relm tal-kongetturi.

Il-Qorti in oltre, sabet illi l-Bank intimat kien kemmxejn skars mal-verita'. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank a fol. 1063, il-Bank josserva illi l-attrici kienet gia nstabet hatja ta' *gross misconduct* fi proceduri dixxiplinari antecedent ghal dawk in ezami. **Dan mhux minnu**. L-attrici nstabet hatja ta' *misconduct* u mhux *gross misconduct* – Vide fol. 134. Minkejja illi inghad (vide fol. 1063) li l-investigazzjoni tmexxiet minn Joseph Fenech u Decelis tal-Group Internal Audit, il-Qorti kif gia kellha opportunita' tinnota, sabet li Fenech u Decelis hallew l-intervisti tal-impjegati tal-Bank u tal-klijenti tieghu, f'idejn Hackett, Parrish, Cassidy u Davies. Sabet ukoll li Decelis u Fenech **qatt ma hadmu bhala PCMs**, ma kienux awtorizzati biex jaghmlu dan mill-MFSA u minkejja li jghidu li *"**segwew il-procedura**,"* l-*manual* ta' procedura fuq *incomplete files* **kien ghadu ma giex formulat**. Di piu; waqt illi Hackett jafferma li Clive u Parrish telqu minn Malta ghaliex kien ghalaq it-terminu tal-kuntratt taghhom f'Malta, Perotti, *Manager Human Resources* xhed illi dawn hadu *early retirement*[22] u dan sar, skond Simms, wara li Parrish u Cassidy kienu gew investigati[23].

Huma ghal dawn ir-ragunjiet illi din il-Qorti tqis illi filwaqt li l-attrici ma lahqitx il-livell probatorju rikjest mill-ligi biex tipprova li l-investigazzjoni u proceduri dixxiplinari kontra taghha bdew purament b'retaljazzjoni ghal mizura industrijali mwettqa mill-PCMs kollegalment, il-provi juru illi l-investigazzjoni u l-proceduri ta' dixxiplina **kienu immirati ghas-sejbien tal-htija**, cioe' fejn ***"the decision had been reached before the evidence is heard."***

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tista bl-ebda mod tafferma li l-proceduri dixxiplinari kontra l-attrici kemm fi Prim Istanza kif ukoll fl-Appell kienu *fair* and *just*, mehlusa minn kull ombra ta' pregudizzju u f'dan is-sens il-Qorti tqis illi ghandha tilqa' limitatament l-ewwel talba u konsegwentement tilqa' tieni u t-tielet talba attrici.

[22] Vide fol.277-279
[23] Vide fol. 558

Il-Qorti tghaddi issa biex tezamina l-kwistjoni ta' danni sofferti mill-attrici u cioe' it-talbiet numerati erbgha sa sebgha mitluba mill-attrici, u dan per forza jirrikjedi ezami tas-sahha fizika u mentali tal-attrici in segwitu tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Bank intimat.

Il-Qorti mill-provi prodotti taghraf illi in segwitu tas-sospenzjoni mix xoghol, l-attrici giet aflitta minn *reactive depressive anxiety disorder, precipated by the stress and trauma caused by problems she has encountered as a result of her occupational situation* - Vide Certifikat Dok. PM1 u PM2 prodotti minn Dr. Peter Muscat a fol. 1242 u 1243.

Fix-xhieda tieghu Dr. Muscat qal li l-attrici hassitha "*bullied*" u identifikata bhala "*scape goat*" b'rezultat li *self esteem* taghha tfarrak u bdew jaqbuha *panic attacks* fil-pubbliku. Hassitha mdejqa u anzjuza u ghalhekk preskrivilha xi medicinali. Dr. Muscat xhed illi l-attrici hasset li integrita' u dinjita taghha kienu imminati.

Fis-sottomissjonijiet tal-attrici, gie dikjarat illi l-kawza tal-istess ansjeta, l-attrici mardet bil-*cancer* u mietet fit-8 ta' Marzu 2013.

Il-Qorti tqis illi waqt li kien ferm probabbli li l-attrici bdiet tbaghti minn *reactive anxiety depressive state with panic attacks* konsegwenza tal-maniera ta' kif il-proceduri dixxiplinari svolgew fil-konfront taghha, din l-istess **Qorti taghraf illi ma tezisti ebda prova medika sallum il-gurnata, li tikkorrelata l-*cancer* mal-*istress***. Din l-allegazzjoni li l-attrici mardet bil-*cancer* kagun tal-anzjeta u *stress* kagunati mill-agir tal-bank intimat, **hija kompletament bla bazi xjentifika jew medika, hi merament kongettura,** u ghaldaqstant qed tigi respinta minn din il-Qorti.

Il-Bank attur sostna illi anke fil-pessima ipotezi li l-Qorti tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-investigazzjoni u proceduri ta' dixxiplina li ingusti u jiksru il-principju tal-gustizzja naturali, r-rimedju ghandu jkun li jergghu jinstemghu il-proceduri ta' dixxiplina u mhux il-hlas ta' danni.

Din il-Qorti ma tikkondividix ma dan l-argument fil-kaz in ezami. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex Johanna Abela m'ghadhiex hajja u f'posizzjoni li tiddefendi ruhha mill-gdid jekk il-proceduri dixxiplinari jergghu jigu inizjati.

Decizjoni bhal dik mitluba mill-Bank intimat, tirrendi l-gudizzju ta' din il-Qorti fiergha daqskemm jkun ingust, 'l ghaliex ir-reputazzjoni t'Abela, mal-familja u hbieb taghha u mal-kollegi tal-Bank, tibqa' mcappsa ndefinittivament b'makkja ndellibbli.

Ikkonsidrat dan kollu, l-Qorti taghraf li d-danni subiti ghandhom ikunu l-paga u l-*commission* percepita' mill-attrici ghas-snin **qabel** ma mardet bil-*cancer*.

Jirrizulta mill-atti processwali li l-attrici waqqfet tattendi ghas-seduti quddiem l-assistant gudizzjarju mis-27 ta' Mejju 2011 'l quddiem (Vide fol. 898). Infatti l-avukat difensur taghha fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2012 (Vide fol. 976) kien informa ufficcjalment lill-Qorti li l-attrici kienet mardet serjament.

Illi ghar-rigward mbaghad tal-quantum tad-danni, l-Qorti taghraf illi l-attrici ma ezebiet ebda FS3 ghal-ahhar snin antecedent ghal proceduri dixxiplinari biex tipprova d-dhul mill-paga taghha u dhul mill-*commission*. Hija pproduciet minflok lil-kollegi taghha l-PCMs li semmew salarji u *commission* annwali ta' disghin elf Ewro (€90,000), ta' tlieta u disghin elf Ewro (€93,000), u ta' mija u sittax–il elf Ewro(€116,000) fis-sena[24], Ghalhekk intalab medja ta' mitt elf Ewro kull sena (€100,000), fuq perjodu tad-disa snin illi l-atttrici kienet "imwaqqfa mix-xoghol," – Vide fol 1041.

Il-Bank intimat rrebatta illi l-attrici baqghet impjegata tal-bank sakemm tilfet s-silta taghha mal-*cancer* u dan minkejja li l-Bank, f'kaz ta' mard mhux relatat max-xoghol, seta ghazel li jkecciha. Il-Bank pero' ghazel li jhalla lill-attrici bhala impjegata fuq il-kotba tal-Bank ghal disa' snin.

Il-Bank di piu' osserva illi l-attrici kienet intitolata ghal sena *full pay* imbaghad taqa' fuq *half pay*. Il-Bank josserva li talba ghad-danni mhi xejn hlief opportunizmu.

[24] Christian Debono; Kevin Mifsud u Ian Casingena

Il-bank sostna illi gialadarba l-attrici kienet *on sick leave* hija kienet intitolata biss ghal salarju baziku u mhux ghal-*commission* u li l-bank hallas dak kollu dovut lill-attrici. Ghalhekk il-Bank f'dan is-sens ma ghandu jaghti xejn lill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti l-Qorti tinnota li l-attrici giet sospiza fil-1 ta' Marzu 2004 liema sospenzjoni temmet fit-13 ta' Settembru 2004, giet mitluba tirritorna ghax-xoghol alternattiv ta' *Premium Relationship Manager* fl-istess grad pero minghajr il-*commission* fil-15 ta' Settembru 2004. Fl-14 ta' Settembru 2004 harget on *sick leave* u damet b'*sick leave* sa mewtha. L-attrici kienet *on sick leave* with *full pay* sat-2 ta' Marzu 2005. Fit-3 ta' Marzu 2005 kienet b'*sick leave* b'*half pay*, Fil-20 t'Awwissu 2005 kienet *sick leave with no pay*. L-attrici mietet fis-7 ta' Marzu 2013[25].

Illi ghalhekk ghal fini ta' komputazzjoni ta' danni sofferti, il-perjodu rilevanti huwa mill-15 ta' Settembru 2004 (meta l-attrici ma rretornatx ghax-xoghol u harget *on sick leave* ) sa 27 ta' Mejju 2011, (meta kawza tal-*cancer*, ma baqghetx tattendi l-Qorti) u **cioe' perjodu ta' sitt snin, tmin xhur u tnax il-gurnata**.

Fl-assenza ta' prova cara ta' dhul annwali tal-attrici f'paga u *commission* fi snin antecedenti, l-Qorti ma taghrax li jkun gust u ghaqli li tiehu l-**medja** tad-dhul percepiti mill-kollegi PCMs tal-attrici, izda ghandha tieghu c-cifra li tindika d-dhul l-aktar baxx citat mill-PCMs u cioe dak ta' disghin elf Ewro (€90,000) fis-sena.

Ghaldaqstant id-danni subiti huwa kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| 6 snin @ €90,000 fis-sena | = €540,000 |
| 8 xhur paga = 8/12 x €90,000 | = € 60,000 |
| 12 il gurnata xoghol = €90,000 ÷ 12 (xhur) ÷ 30 (granet) x 12 (granet) | = € 3,000 |
| **Total** | **€603,000** |

[25] Certifikat tal-mewt a fol. 997

Minn dan l-ammont, m'ghandux jitnaqqas l-ammont li l-attrici ppecepiet f'*sick leave* b'paga shiha jew nofs paga stante li dan l-ammont xorta wahda kien ser jkun dovut.

Jibqa' biex jigi ezaminat it-tmien talba attrici u cioe' t-talba ghal-konsenja mill-Bank intimat lill-atturi tal-ewwel decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell, datati Ottubru 2002 u Dicembru 2003 rispettivament moghtija kontra l-attrici. Il-Qorti taghraf illi l-attrici ma ressqet ebda provi li jindikaw li kienet ghamlet din it-talba lill-Bank intimat u li t-talba taghha giet rifjutata. Apparti dana kollu jidher illi kopja ta' tali decide gia tinsab fl-atti processwali. Ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi ghandha tilqa' l-eccezzjoni numru sitta tal-Bank initmat u tichad it-tmien talba attrici.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni limitatament, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Bank intimat ghajr is-sitt eccezzjoni li qedgha tigi milqugha kif fuq intqal; tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens illi tiddikjara li l-process ta' dixxiplina kontra l-attrici kien manifestament ingust u konsegwentement tilqa' t-tieni, t-tielet, r-raba' u l-hames talba attrici; tilqa' s-sitt talba attrici u tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' sitt mija u tlett elef Ewro (€603,000); tilqa' is-seba' talba attrici u tikkundanna l-Bank intimat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tlett elef Ewro (€603,000); u tichad it-tmien talba attrici.

Bl-imghax legali kontra l-Bank intimat mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-Bank intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**